MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.3.2011
KUMM(2011) 121 finali

2011/0058 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB)

{SEG(2011) 315 finali}
{SEG(2011) 316 finali}

MT MT

# WERREJ


MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI .... 4

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA .... 4

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT .... 7

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA .... 9

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA .... 11

DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB) .... 12

KAPITOLU I AMBITU .... 16

KAPITOLU II KUNĊETTI FUNDAMENTALI .... 17

KAPITOLU III GĦAŻLA TAS-SISTEMA PREVISTA MINN DIN ID-DIRETTIVA .... 21

KAPITOLU IV KALKOLAZZJONI TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA .... 22

KAPITOLU V TEMPIŻMU U KWANTIFIKAZZJONI .... 25

KAPITOLU VI DEPREZZAMENT TAL-ASSI FISSI .... 31

KAPITOLU VII TELF .... 35

KAPITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DĦUL U L-ĦRUĠ MIS-SISTEMA PREVISTA MINN DIN ID-DIRETTIVA .... 35

KAPITOLU IX KONSOLIDAMENT .... 37

KAPITOLU X DĦUL U TLUQ MILL-GRUPP .... 40

KAPITOLU XI RIORGANIZZAZZJONIJIET TAN-NEGOZJU .... 42

KAPITOLU XII NEGOZJATI BEJN IL-GRUPP U ENTITAJIET OĦRA .... 43

KAPITOLU XIII TRANŻAZZJONIJIET BEJN INTRAPRIŻI ASSOĊJATI .... 45

KAPITOLU XIV REGOLI KONTRA L-ABBUŻI .... 46

KAPITOLU XV ENTITAJIET TRASPARENTI .... 48

KAPITOLU XVI TQASSIM TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA KONSOLIDATA .... 49

KAPITOLU XVII AMMINISTRAZZJONI U PROĊEDURI ................................................ 55

KAPITOLU XVIII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI ................................................ 65

ANNESSI ................................................ 68

ANNESS I ................................................ 68

ANNESS II ................................................ 71

ANNESS III ................................................ 74

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI ....................... 77

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB) għandha l-għan li tneħħi xi impedimenti importanti għat-tkabbir fis-Suq Waħdieni. Fl-assenza ta' regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva, l-interazzjoni tas-sistemi nazzjonali tat-taxxa ta' sikwit twassal għal tassazzjoni żejda u tassazzjoni doppja, u l-impriżi qed jiffaċċjaw piżijiet amministrattivi kbar u spejjeż kbar sabiex jikkonformaw mat-taxxa. Din is-sitwazzjoni toħloq diżinċentivi għall-investiment fl-UE u, b'riżultat ta' dan, tmur kontra l-prijoritajiet stabbiliti f'Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv[1]. Is-CCCTB hija inizjattiva importanti fit-triq lejn it-tneħħija tal-ostakli għat-tlestija tas-Suq Waħdieni[2] u ġiet identifikata fl-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir[3] bħala inizjattiva li ssaħħaħ it-tkabbir u li għandha ssir malajr sabiex jiġu stimulati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

L-approċċ komuni propost jiżgura l-konsistenza fis-sistemi nazzjonali tat-taxxa iżda ma jarmonizzax ir-rati tat-taxxa. Il-kompetizzjoni ġusta tar-rati tat-taxxa għandha tiġi inkoraġġita. Differenzi fir-rati jippermettu li ċertu grad ta' kompetizzjoni tat-taxxa jinżamm fis-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta tat-taxxa bbażata fuq ir-rati toffri aktar trasparenza u tippermetti lill-Istati Membri jqisu kemm il-kompetittività tas-suq tagħhom u kif ukoll il-ħtiġijiet baġitarji tagħhom meta jistabbilixxu r-rati tat-taxxa tagħhom.

Is-CCCTB huwa kompatibbli mar-rivalutazzjoni tas-sistemi tat-taxxa u l-moviment lejn taxxa aktar favorevoli għat-tkabbir u għall-ambjent li hi inkoraġġita fl-istrateġija Ewropa 2020. Fit-tfassil tal-bażi komuni, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp kienu mira ewlenija tal-proposta. Taħt is-CCCTB, l-ispejjeż kollha relatati mar-riċerka u l-iżvilupp huma deduċibbli. Dan l-approċċ se jopera bħala inċentiva għall-kumpaniji li jagħżlu li jipparteċipaw fis-sistema sabiex ikomplu jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp. Safejn ikun hemm telf ekonomiku li jista' jiġi paċut fuq bażi transkonfinali, il-konsolidazzjoni taħt is-CCCTB għandha tendenza li tnaqqas il-bażi komuni. Madankollu, in ġenerali, il-bażi komuni twassal għal bażi medja tal-UE li tkun aktar wiesgħa minn dik kurrenti, l-aktar minħabba l-għażla miżmuma għad-deprezzament tal-assi.

Ostakolu ewlieni fis-suq uniku llum jinvolvi l-ispejjeż kbar assoċjati mal-formalitajiet tal-ipprezzar tat-trasferimenti bl-użu tal-approċċ tad-distakkament. Minbarra dan, il-mod li bih gruppi integrati mill-qrib għandhom tendenza li jorganizzaw irwieħhom jindika b'mod qawwi li l-ipprezzar tranżazzjoni bi tranżazzjoni bbażat fuq il-prinċipju tad-distakkament jista' jkun li ma għadux l-aktar metodu xieraq għall-allokazzjoni tal-profitti. Il-possibiltà ta' tpaċija ta' telf transkonfinali hija possibbli biss f'numru limitat ta' ċirkostanzi fi ħdan l-UE, li jwassal għal tassazzjoni żejda għal kumpaniji involuti f'attivitajiet transkonfinali. Minbarra dan, in-netwerk ta' Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja (DTCs) ma joffrix soluzzjoni xierqa għall-

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' COM(2010) 2020 tat-3.3.2010.

[2] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – 'Lejn Att dwar is-Suq Uniku għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu x-xogħol, in-negozju u l-iskambji tagħna ma' xulxin' – COM(2010) 608, 27.10.2010.

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, 'Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi', COM(2011) 11, 12.01.2010.

eliminazzjoni tat-taxxa doppja fis-suq uniku, billi huwa mfassal sabiex jopera f'kuntest bilaterali fil-livell internazzjonali, u mhux f'kuntest ta' integrazzjoni mill-qrib.

Is-CCCTB hija sistema ta' regoli komuni għall-kalkolu tal-bażi tat-taxxa għall-kumpaniji li huma residenti għat-taxxa fl-UE u għall-fergħat li jinsabu fl-UE ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi. Speċifikament, il-qafas fiskali komuni jipprovdi għal regoli sabiex jiġu kkalkulati r-riżultati individwali tat-taxxa ta' kull kumpanija (jew fergħa), il-konsolidazzjoni ta' dawn ir-riżultati, fejn ikun hemm membri oħra tal-grupp, u t-tqassim tal-bażi konsolidata tat-taxxa għal kull Stat Membru eliġibbli.

Is-CCCTB se jkun disponibbli għall-kumpaniji ta' kull daqs; l-MNEs ikunu meħlusa minn ċerti ostakli fiskali fis-suq uniku u l-SMEs jiffaċċjaw anqas spejjeż sabiex jikkonformaw meta jiddeċiedu li jespandu n-negozju tagħhom fi Stat Membru ieħor. Is-sistema hija fakultattiva. Ladarba mhux l-impriżi kollha jagħmlu negozju transkonfinali, is-CCCTB mhix se tisforza lil kumpaniji li mhumiex qed jippjanaw li jespandu 'l barra mit-territorju nazzjonali tagħhom sabiex iġorru l-ispejjeż sabiex jaqilbu għal sistema ġdida tat-taxxa.

L-armonizzazzjoni se tinvolvi biss il-kalkolu tal-bażi tat-taxxa u mhix se tinterferixxi mal-kontijiet finanzjarji. Għaldaqstant, l-Istati Membri se jżommu r-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-kontabilità finanzjarja u s-sistema tas-CCCTB se tintroduċi regoli awtonomi għall-komputazzjoni tal-bażi tat-taxxa għall-kumpaniji. Dawn ir-regoli ma għandhomx jaffettwaw it-tħejjija tal-kontijiet annwali jew konsolidati.

Mhemm l-ebda ħsieb li l-armonizzazzjoni tiġi estiża għar-rati. Kull Stat Membru se jkun qed japplika r-rata tiegħu għas-sehem tiegħu tal-bażi tat-taxxa tal-kontribwenti.

Taħt is-CCCTB, gruppi ta' kumpaniji jkollhom japplikaw sett uniku ta' regoli tat-taxxa madwar l-Unjoni u jkollhom x'jaqsmu biss ma' amministrazzjoni waħda tat-taxxa (one-stop-shop). Kumpanija li tagħżel is-CCCTB ma tibqax suġġetta għall-arranġamenti tat-taxxa korporattiva nazzjonali fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha rregolati mir-regoli komuni. Kumpanija li ma tikkwalifikax għal, jew ma tagħżilx, is-sistema li tipprovdi għaliha d-Direttiva tas-CCCTB tibqa' suġġetta għar-regoli tat-taxxa korporattiva nazzjonali li jisgħu jinkludu skemi speċifiċi ta' inċentivi tat-taxxa favur ir-Riċerka u l-Iżvilupp.

Impriżi li joperaw b'mod transkonfinali se jibbenefikaw ukoll kemm mill-introduzzjoni tal-kumpens transkonfinali għat-telf kif ukoll mit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-konformità relatati mat-taxxa korporattiva. Li tkun permessa l-konsolidazzjoni immedjata tal-profitti u t-telf għall-kalkolu tal-bażijiet tat-taxxa madwar l-UE huwa pass lejn it-tnaqqis tat-tassazzjoni żejda f'sitwazzjonijiet transkonfinali u b'hekk lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' newtralità fiskali bejn l-attivitajiet domestiċi u transkonfinali sabiex b'hekk ikun jista' jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tas-Suq Intern. Kalkoli fuq kampjun ta' multinazzjonali tal-UE juru li, bħala medja, madwar 50% tal-gruppi multinazzjonali mhux finanzjarji u 17% tal-gruppi multinazzjonali finanzjarji jistgħu jibbenefikaw minn kumpens transkonfinali immedjat tat-telf.

Benefiċċju kbir tal-introduzzjoni tas-CCCTB se jkun it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità għall-kumpaniji. L-evidenza tal-istħarriġ tindika tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità ta' madwar 7% taħt is-CCCTB. It-tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità reali u perċepiti huwa mistenni li jeżerċita influwenza sostanzjali fuq kemm l-impriżi huma kapaċi u lesti li jespandu barra minn pajjiżhom fit-tul u fuq perjodu ta' żmien medju. Is-CCCTB huwa mistenni li jttraduċi ruħu f'iffrankar sostanzjali f'ħin u nfiq għall-konformità fil-każ ta' kumpanija parent li tkun qed tistabbilixxi sussidjarju ġdid fi Stat Membru differenti. Fuq medja, l-esperti tat-taxxa li

pparteċipaw fl-istudju stmaw li impriża kbira tonfoq aktar minn EUR 140 000 (0,23% tal-fatturat) f'infiq relatat mat-taxxa sabiex tiftaħ sussidjarja ġdida fi Stat Membru ieħor. Is-CCCTB se tnaqqas dawn l-ispejjeż b b'EUR 87 000 jew 62%. L-iffrankar għal impriża ta' daqs medju huwa saħansitra aktar sinifikanti, billi l-ispejjeż huma mistennija li jonqsu minn EUR 128 000 (0,55% tal-fatturat għal EUR 42 000 jew tnaqqis ta' 67%.

Il-proposta se tkun ta' benefiċċju għal kumpaniji ta' kull daqs iżda hija partikolarment relevanti bħala parti mill-isforz sabiex l-SMEs jiġu appoġġjati u inkoraġġiti sabiex jibbenefikaw mis-Suq Uniku kif stabbilit fir-reviżjoni tal-Att dwar l-Impriżi ż-Żgħar (SBA) għall-Ewropa[4]. Is-CCCTB b'mod partikolari tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ostakli tat-taxxa u l-piżijiet amministrattivi, u tagħmilha aktar sempliċi u irħas għall-SMEs sabiex jespandu l-attivitajiet tagħhom madwar l-UE. Is-CCCTB se tkun tfisser li l-SMEs li joperaw b'mod transkonfinali u jagħżlu li jipparteċipaw fis-sistema jkunu meħtieġa biss li jikkalkulaw il-bażi tat-taxxa korporattiva tagħhom skont sett wieħed ta' regoli. Is-CCCTB tikkumplimenta l-Kumpanija Privata Ewropea (SPE), li għadha qed tiġi diskussa fil-Kunsill. Qafas komuni għall-komputazzjoni tal-bażi tat-taxxa għall-kumpaniji fl-UE jkun partikolarment utli għall-SPEs li joperaw madwar l-Istati Membri.

Il-proposta preżenti mhix maħsuba sabiex tinfluwenza d-dħul tat-taxxa u ġie analizzat l-impatt fuq id-distribuzzjoni tal-bażijiet tat-taxxa bejn l-Istati Membri tal-UE. Fil-fatt, l-impatt fuq id-dħul tal-Istati Membri fl-aħħar nett se jiddependi fuq għażliet ta' politika nazzjonali fir-rigward ta' adattamenti possibbli tat-taħlita ta' strumenti differenti tat-taxxa jew rati tat-taxxa applikati. F'dan ir-rigward huwa diffiċli li jiġu previsti l-impatti preċiżi fuq kull wieħed mill-Istati Membri. F'dan il-kuntest, bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali, fejn l-eżitu tat-tqassim tal-bażi tat-taxxa bejn l-Istati Membri ma jirrappreżentax b'mod ġust il-grad tal-attività tan-negozju, klawsola ta' salvagwardja tipprovdi għal metodu alternattiv. Minbarra dan, id-Direttiva tinkludi klawsola għar-reviżjoni tal-impatti wara ħames snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Għall-Istati Membri, l-introduzzjoni ta' sistema fakultattiva naturalment se tkun tfisser li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jkollhom jamministraw żewġ skemi distinti tat-taxxa (is-CCCTB u t-taxxa fuq id-dħul korporattiva nazzjonali tagħhom). Iżda dan huwa kkumpensat mill-fatt li s-CCCTB se jfisser anqas opportunitajiet għal ippjanar tat-taxxa minn kumpaniji bl-użu ta' pprezzar tat-trasferimenti jew inkonsistenzi fis-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri. Se jkun hemm anqas tilwim li jinvolvi l-QEĠ jew il-proċedura ta' ftehim reċiproku fil-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja.

Sabiex l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri jiġu megħjuna fil-perjodu ta' qabel l-implimentazzjoni tas-CCCTB, huwa ppjanat li l-programm FISCALIS EU jiġi mmobilizzat sabiex jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tas-CCCTB.

Il-proposta preżenti tinkludi sett sħiħ ta' regoli għat-taxxa korporattiva. Hija tidentifika min jista' jagħżel li jipparteċipa, kif tiġi kkalkulata l-bażi tat-taxxa u x'inhuwa l-perimetru u l-funzjonament tal-konsolidazzjoni. Hija tipprovdi wkoll għal regoli kontra l-abbuż, tiddefinixxi wkoll kif inhija maqsuma l-bażi konsolidata u kif is-CCCTB għandu jiġi amministrat mill-Istati Membri taħt approċċ ta' 'one-stop-shop'.

---

4 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, 'Reviżjoni tal-"Att dwar l-Impriżi ż-Żgħar" għall-Ewropa', COM(2011)78 finali, 23.2.2011.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### (a) Konsultazzjonijiet

Wara l-pubblikazzjoni tal-Istudju dwar it-Taxxa tal-Kumpaniji fl-2001, il-Kummissjoni mexxiet dibattitu pubbliku wiesa' u għamlet sensiela ta' konsultazzjonijiet.

L-iżjed pass importanti f'dak il-proċess kien il-ħolqien ta' Grupp ta' Ħidma (CCCTB WG) magħmul minn esperti mill-amministrazzjonijiet fiskali tal-Istati Membri kollha. Is-CCCTB WG ġie mwaqqaf f'Novembru 2004 u ltaqa' tlettax-il darba f'sessjonijiet plenarji sa April 2008. Barra minn hekk, kienu stabbiliti sitt sottogruppi sabiex jesploraw oqsma speċifiċi f'aktar dettall u jirrappurtaw lura lis-CCCTB WG. Ir-rwol tal-esperti nazzjonali kien limitat għall-għoti ta' assistenza teknika u pariri lis-servizzi tal-Kummissjoni. Is-CCCTB WG iltaqa' wkoll f'format estiż tliet darbiet (jiġifieri f'Diċembru 2005, 2006 u 2007) sabiex jippermetti lill-esperti u l-partijiet interessati prinċipali kollha min-negozju, il-professjonijiet u s-settur akkademiku jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod informali, fuq bażi bilaterali, diversi assoċjazzjonijiet kummerċjali u professjonali. Xi wħud minn dawn il-gruppi ta' interess ippreżentaw il-veduti tagħhom b'mod uffiċjali. Ġew ikkunsidrati wkoll ir-riżultati ta' riċerka akkademika. Għalhekk, akkademiċi ewlenin ipprovdew lill-Kummissjoni l-intuwizzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' diversi aspetti tas-sistema.

Il-Kummissjoni organizzat ukoll żewġ avvenimenti fi Brussell (April 2002) u Ruma (Diċembru 2003 mal-Presidenza Taljana). Fi Frar 2008, saret konferenza oħra fi Vjenna, sponsorizzata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u istituzzjoni akkademika, li ddiskutiet fid-dettall diversi punti rilevanti għas-CCCTB. Fl-aħħar nett, fl-20 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni kkonsultat esperti mill-Istati Membri, in-negozju, *think tanks* u akkademiċi dwar ċerti suġġetti li s-servizzi tagħha kienu reġgħu kkunsidraw u żviluppaw aktar mill-aħħar laqgħa tas-CCCTB WG f'April 2008.

### (b) Valutazzjoni tal-Impatt

Ġiet ippreparata Valutazzjoni dettaljata ħafna tal-Impatt. Hija tinkludi r-riżultati tal-istudji li ġejjin: (i) Analizzatur Ewropew tat-Taxxa (ETA); (ii) Studju ta' Price Waterhouse Cooper (PWC); (iii) bażi tad-dejta ta' Amadeus and Orbis; (iv) studju ta' Deloitte u (v) studju CORTAX.

Ir-rapport isegwi l-Linji gwida tas-Segretarjat Ġenerali għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt u b'hekk jipprovdi: (i) eżami tal-proċess ta' konsultazzjoni; (ii) deskrizzjoni tal-problemi eżistenti; (iii) dikjarazzjoni tal-għanijiet tal-politika; u (iv) tqabbil ta' għażliet alternattivi ta' politika li jistgħu jilħqu l-għanijiet iddikjarati. B'mod partikolari, CCTB (bażi għat-taxxa komuni mingħajr konsolidament) u CCCTB (bażi għat-taxxa komuni b'konsolidament), kemm obbligatorji kif ukoll fakultattivi, huma suġġetti għall-analiżi u huma pparagunati l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali rispettivi tagħhom.

#### *Tqabbil tal-Opzjonijiet ta' Politika*

Il-valutazzjoni tal-impatt tħares lejn opzjonijiet differenti bil-għan li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpaniji Ewropej billi tagħtihom il-possibbiltà li jikkalkulaw il-profitti tagħhom madwar l-UE skont sett wieħed ta' regoli u, b'hekk, jagħżlu ambjent legali li

jissodisfa bl-aħjar mod il-ħtiġijiet kummerċjali tagħhom, filwaqt li jiġu eliminati l-ispejjeż fiskali relatati mal-eżistenza ta' 27 sistema fiskali nazzjonali separati. Ir-rapport jikkunsidra 4 xenarji prinċipali ta' politika, li huma pparagunati max-xenarju ta' 'l-ebda azzjoni' jew tal-'istatus-quo' (opzjoni 1):

(i) Bażi għat-Taxxa Korporattiva Komuni fakultattiva (CCTB fakultattiva): il-kumpaniji residenti fl-UE (u l-istabbilimenti permanenti sitwati fl-UE) ikollhom il-possibbiltà li jikkalkulaw il-bażi għat-taxxa tagħhom skont sett ta' regoli komuni madwar l-Unjoni minflok xi waħda mis-27 sistema fiskali korporattiva nazzjonali. Il-'kontabilità separata' (jiġifieri l-ipprezzar ta' tranżazzjoni skont il-prinċipju tad-distakkament) tibqa' fis-seħħ għat-tranżazzjonijiet fi ħdan l-istess grupp, billi s-sistema ma tinvolvix konsolidament tar-riżultati tat-taxxa (opzjoni 2).

(ii) Bażi għat-Taxxa Korporattiva Komuni obbligatorja (CCTB obbligatorja): il-kumpaniji residenti kollha fl-UE (u l-istabbilimenti permanenti sitwati fl-UE) li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa jikkalkulaw il-bażi għat-taxxa tagħhom skont sett wieħed ta' regoli komuni madwar l-Unjoni. Ir-regoli l-ġodda jieħdu post is-27 sistema fiskali korporattiva nazzjonali preżenti. Fin-nuqqas ta' konsolidament, il-'kontabilità separata' tkompli tiddetermina l-allokazzjoni tal-profitt fit-tranżazzjonijiet fi ħdan l-istess grupp (opzjoni 3).

(iii) Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni fakultattiva (CCCTB fakultattiva): sett ta' regoli komuni li jistabbilixxu bażi fiskali konsolidata għall-UE kollha tkun alternattiva għas-27 sistema fiskali korporattiva nazzjonali preżenti u l-użu ta' 'kontabilità separata' fl-allokazzjoni tad-dħul lill-intrapriżi assoċjati. Għalhekk, ir-riżultati fiskali ta' kull membru tal-grupp (jiġifieri kumpanija residenti fl-UE jew stabbiliment permanenti sitwat fl-UE) jingħaddu flimkien sabiex jiffurmaw bażi għat-taxxa konsolidata u jerġgħu jitqassmu skont mekkaniżmu ta' qsim stabbilit minn qabel ibbażat fuq il-formula. F'dan ix-xenarju, il-kumpaniji residenti fl-UE u/jew l-istabbilimenti permanenti sitwati fl-UE, proprjetà ta' kumpaniji residenti barra mill-UE, ikollhom id-dritt li japplikaw is-CCCTB, bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibilità għall-iffurmar ta' grupp u l-membri kollha eliġibbli jagħżlu li japplikaw ir-regoli komuni ('kollha ġewwa kollha barra') (opzjoni 4).

(iv) Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni obbligatorja (CCCTB obbligatorja): il-kumpaniji residenti fl-UE u/jew l-istabbilimenti permanenti sitwati fl-UE li jkunu proprjetà ta' kumpaniji residenti barra mill-UE jkunu meħtieġa li japplikaw ir-regoli tas-CCCTB sakemm ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibilità għall-iffurmar ta' grupp.

*Analiżi tal-Impatt*

Ir-riżultati ekonomiċi tal-Valutazzjoni tal-Impatt juru li t-tneħħija tal-ostakoli identifikati tat-taxxi korporattivi għandha tippermetti li n-negozji jagħmlu għażliet ekonomiċi aħjar u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza globali tal-ekonomija. L-opzjonijiet għal CCCTB fakultattiva u obbligatorja t-tnejn se jwasslu għal benesseri daqsxejn aħjar. Is-CCCTB fakultattiva hija preferibbli għal numru ta' raġunijiet. Iż-żewġ raġunijiet prinċipali vverifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt huma (i) l-impatt stmat fuq l-impjiegi huwa iżjed favorevoli u (ii) tiġi evitata l-bidla sfurzata minn kull kumpanija individwali fl-Unjoni għal metodu ġdid ta' kif tiġi kkalkulata l-

bażi għat-taxxa tagħha (irrispettivament minn jekk toperax f'iżjed minn Stat Membru wieħed).

Ir-riformi analizzati huma potenzjalment assoċjati ma' effetti dinamiċi importanti fuq perjodu fit-tul. It-tnaqqis fl-inċertezza u fl-ispejjeż (reali u perċepiti) li l-kumpaniji li joperaw f'aktar minn ġuriżdizzjoni waħda għandhom bħalissa, huwa l-mezz prinċipali li bih huma mistennija li jimmaterjalizzaw dawn l-effetti. Finalment, dan se jittraduċi ruħu f'żieda fl-investiment transkonfinali fi ħdan l-Unjoni, li tirriżulta mill-espansjoni ulterjuri ta' intrapriżi Ewropej u ta' intrapriżi multinazzjonali barranin kif ukoll mill-investiment de novo ta' kumpaniji purament domestiċi fi Stati Membri oħra. B'mod partikolari, huwa probabbli li l-eliminazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali għall-konformità assoċjata mal-obbligu ta' konformità mar-regoli fiskali differenti madwar l-Unjoni u t-trattar ma' iżjed minn amministrazzjoni fiskali waħda (il-prinċipju ta' 'one-stop-shop') iżżid il-kapaċità tal-kumpaniji sabiex jespandu bejn il-fruntieri. Proġett bħal dan għandu jkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li huma l-iżjed affettwati mill-ispejjeż għolja għall-konformità tas-sitwazzjoni preżenti.

Għalkemm il-Valutazzjoni tal-Impatt tirrimarka li l-impatt finali tal-introduzzjoni ta' CCCTB fuq id-dħul globali mit-taxxi jiddependi mill-għażliet ta' politika tal-Istati Membri nfushom, huwa importanti li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni mill-qrib lill-effetti fuq id-dħul, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni baġitarja diffiċli ħafna f'bosta Stati Membri.

B'mod ġenerali, ir-regoli l-ġodda dwar il-bażi komuni jwasslu għal bażi medja tal-UE li tkun aktar wiesgħa minn dik kurrenti. Safejn ikun hemm telf ekonomiku x'jiġi paċut fuq bażi transkonfinali, il-konsolidazzjoni taħt is-CCCTB għandha t-tendenza li tnaqqas il-bażi komuni.

Fil-fatt, l-impatt fuq id-dħul tal-Istati Membri fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq l-għażliet nazzjonali ta' politika fir-rigward tal-adattamenti possibbli tat-taħlita ta' strumenti differenti tat-taxxa jew rati tat-taxxa applikati. F'dan ir-rigward, huwa diffiċli li jiġu previsti l-impatti preċiżi fuq kull wieħed mill-Istati Membri. Madankollu, id-Direttiva tinkludi klawsola sabiex jiġu reveduti l-impatti wara ħames snin.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### (a) Il-Bażi Legali

Il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa diretta taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFEU). Il-klawsola tistipula li l-miżuri legali tal-approssimazzjoni skont dak l-artikolu għandhom jingħataw il-forma legali ta' Direttiva.

### (b) Is-Sussidjaretà

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-Sussidjaretà.

Is-sistema tas-CCCTB għandha l-għan li tindirizza l-ostakoli fiskali, li jirriżultaw prinċipalment mill-frammentazzjoni tal-Unjoni f'27 sistema fiskali differenti, li n-negozji jiffaċċjaw meta joperaw fis-suq waħdieni. L-azzjoni mhux ikkoordinata, ippjanata u implimentata minn kull Stat Membru b'mod individwali, tkun tirriproduċi s-sitwazzjoni preżenti, billi l-kumpaniji xorta jkunu jridu jittrattaw ma' numru ugwali ta' amministrazzjonijiet fiskali daqs in-numru ta' Stati Membri li fihom ikunu soġġetti għat-taxxa.

Ir-regoli stipulati f'din il-proposta, bħall-għajnuna għat-telf transkonfinali u r-ristrutturar ħieles mit-taxxa ta' gruppi, ma jkunux effettivi u x'aktarx li joħolqu tfixkil għas-suq, b'mod partikolari taxxa doppja jew l-ebda taxxa, kieku kull Stat Membru kellu japplika s-sistema partikolari tiegħu. Ir-regoli nazzjonali differenti għall-qsim tal-profitti lanqas ma jtejbu l-proċess preżenti - diġà kumpless - tal-allokazzjoni tal-profitti tan-negozju bejn l-intrapriżi assoċjati.

In-natura tas-suġġett titlob approċċ komuni.

Sett wieħed ta' regoli għall-komputazzjoni, il-konsolidament u l-qsim tal-bażi għat-taxxa tal-intrapriżi assoċjati madwar l-Unjoni huwa mistenni li jnaqqas it-tfixkil tas-suq ikkawżat mill-interazzjoni preżenti ta' 27 reġim fiskali nazzjonali. Barra minn hekk, l-elementi kostitwenti tas-sistema, speċjalment il-kumpens għat-telf transkonfinali, it-trasferimenti ħielsa mit-taxxa ta' assi fi ħdan il-grupp u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-grupp permezz ta' formula, jistgħu jiġu materjalizzati biss taħt qafas regolatorju komuni. Għalhekk, iridu jitfasslu regoli komuni ta' proċedura amministrattiva sabiex il-prinċipju ta' amministrazzjoni 'one-stop-shop' ikun jista' jiffunzjona.

Din il-proposta hija limitata sabiex jiġu miġġielda l-ostakoli fiskali kkawżati mid-differenzi tas-sistemi nazzjonali fil-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa bejn intrapriżi assoċjati. Il-ħidma li segwiet l-Istudju dwar it-Taxxi tal-Kumpaniji identifikat li l-aħjar riżultati fl-indirizzar ta' dawk l-ostakoli jinkisbu jekk il-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva u l-konsolidament transkonfinali jkunu regolati minn qafas komuni. Fil-fatt, dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati biss billi tiġi stabbilita leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, billi huma ta' natura prinċipalment transkonfinali. Din il-proposta għalhekk hija ġustifikata b'referenza għall-prinċipju tas-Sussidjaretà minħabba li azzjoni individwali mill-Istati Membri ma jirnexxilhiex tikseb ir-riżultati maħsuba.

**(c) Il-Proporzjonalità**

Din il-proposta, billi hija fformulata bħala sistema fakultattiva, tirrappreżenta l-iżjed risposta proporzjonata għall-problemi identifikati. Hija ma tisfurzax lill-kumpaniji li ma jkollhomx il-ħsieb li jmorru f'pajjiż ieħor jerfgħu l-ispiża amministrattiva mhux meħtieġa tal-implimentazzjoni tar-regoli komuni fin-nuqqas ta' xi benefiċċji reali.

L-inizjattiva preżenti hija mistennija li toħloq kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-investiment fis-suq waħdieni, billi l-ispejjeż għall-konformità fiskali għandhom ikunu mistennija li jonqsu. Barra minn hekk, il-kumpaniji x'aktarx li jiksbu vantaġġi konsiderevoli mit-tneħħija tal-formalitajiet fl-ipprezzar tat-trasferimenti, il-possibbiltà li jittrasferixxu t-telf bejn il-fruntieri nazzjonali fi ħdan l-istess grupp kif ukoll minn riorganizzazzjonijiet ħielsa mit-taxxi fi ħdan il-grupp. L-impatt pożittiv għandu jkun akbar mill-ispejjeż finanzjarji u amministrattivi addizzjonali possibbli li l-awtoritajiet fiskali nazzjonali jkollhom jagħmlu sabiex jimplimentaw is-sistema fl-ewwel stadju.

Il-miżuri stipulati f'din il-proposta huma kemm adattati kif ukoll meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq (jiġifieri proporzjonati). Huma jirrigwardaw prinċipalment l-armonizzazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva, li hija prerekwiżit sabiex jiġu kkontrollati l-ostakoli fiskali identifikati u jiġu korretti l-elementi li jfixklu s-suq waħdieni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ċċarat ukoll li din il-proposta ma tinvolvi l-ebda armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa (jew l-istabbiliment ta' rata minima tat-taxxa). Fil-fatt, l-istabbiliment tar-rati huwa ttrattat bħala

kwistjoni inerenti fis-sovranità fiskali tal-Istati Membri u għalhekk tħalla sabiex jiġi indirizzat permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta għal Direttiva ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-Unjoni Ewropea.

2011/0058 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[5],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Filwaqt li aġixxa skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-kumpaniji li jfittxu li jagħmlu negozju bejn il-fruntieri fi ħdan l-Unjoni jiltaqgħu ma' ostakoli serji u tfixkil tas-suq minħabba l-eżistenza ta' 27 sistema fiskali korporattiva differenti. Dawn l-ostakoli u tfixkil jimpedixxu l-funzjonament korrett tas-suq intern. Huma joħolqu diżinċentivi għall-investiment fl-Unjoni u jmorru kontra l-prijoritajiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2010 bl-isem Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv[7]. Huma ma jaqblux ukoll mar-rekwiżiti ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna.

(2) L-ostakoli fiskali għall-kummerċ transkonfinali huma partikolarment severi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li ħafna drabi ma għandhomx ir-riżorsi sabiex isolvu l-ineffiċjenzi tas-suq.

(3) In-netwerk ta' konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja bejn l-Istati Membri ma joffrix soluzzjoni adegwata. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mat-taxxa korporattiva tindirizza biss numru żgħir ta' problemi speċifiċi.

(4) Sistema li tippermetti lill-kumpaniji jittrattaw lill-Unjoni bħala suq wieħed għall-finijiet tat-taxxa korporattiva tiffaċilita l-attività transkonfinali għall-kumpaniji

5 ĠU C […], […], p. […].
6 ĠU C […], […], p. […].
7 COM(2010) 2020.

residenti fl-Unjoni u tippromwovi l-mira li l-Unjoni ssir post aktar kompetittiv għall-investiment b'mod internazzjonali. Sistema bħal din tista' tinkiseb l-aħjar billi gruppi ta' kumpaniji bi preżenza taxxabbli f'iżjed minn Stat Membru wieħed ikunu jistgħu jirranġaw l-affarijiet fiskali tagħhom fl-Unjoni skont sett wieħed ta' regoli għall-kalkolu tal-bażi għat-taxxa u jittrattaw ma' amministrazzjoni fiskali waħda ('one-stop-shop'). Dawn ir-regoli għandhom isiru disponibbli wkoll għal entitajiet soġġetti għat-taxxa korporattiva fl-Unjoni li ma jiffurmawx parti minn grupp.

(5) Billi d-differenzi fir-rati ta' tassazzjoni ma joħolqux l-istess ostakoli, is-sistema (il-Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB)) mhux bilfors taffettwa d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tar-rata(i) nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni għall-kumpaniji.

(6) Il-konsolidament huwa element essenzjali ta' tali sistema, billi l-ostakoli fiskali prinċipali li jiffaċċjaw il-kumpaniji fl-Unjoni jistgħu jiġu indirizzati biss b'dak il-mod. Huwa jelimina l-formalitajiet tal-ipprezzar tat-trasferimenti u t-taxxa doppja fi ħdan il-grupp. Barra minn hekk, it-telf li jagħmlu l-kontribwenti jiġi awtomatikament paċut kontra l-profitti ġġenerati minn membri oħra tal-istess grupp.

(7) Il-konsolidament bilfors jinvolvi regoli għat-tqassim tar-riżultat bejn l-Istati Membri li fihom ikunu stabbiliti l-membri tal-grupp.

(8) Billi sistema bħal din hija mfassla prinċipalment biex taqdi l-ħtiġijiet tal-kumpaniji li joperaw b'mod transkonfinali, hija għandha tkun skema fakultattiva, li takkumpanja s-sistemi fiskali korporattivi nazzjonali eżistenti.

(9) Is-sistema (il-Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB)) għandha tikkonsisti minn sett ta' regoli komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-kumpaniji bla ħsara għar-regoli stabbiliti fid-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE[8] u 83/349/KEE[9] u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1606/2002/KE[10].

(10) Id-dħul kollu għandu jkun taxxabbli sakemm ma jkunx eżentat b'mod espliċitu.

(11) Id-dħul li jikkonsisti f'dividendi, ir-rikavat mid-disponiment ta' ishma miżmuma ta' kumpanija barra l-grupp u l-profitti tal-istabbilimenti permanenti barranin għandhom ikunu eżentati. Fl-għoti ta' ħelsien mit-taxxa doppja, ħafna Stati Membri jeżentaw id-dividendi u r-rikavat mid-disponimenti tal-ishma billi dan jevita l-ħtieġa li jiġi kkalkulat id-dritt tal-kontribwent għal kreditu għat-taxxa mħallsa f'pajjiż ieħor, b'mod partikolari fejn tali dritt irid iqis it-taxxa korporattiva mħallsa mill-kumpanija li tqassam id-dividendi. L-eżenzjoni tad-dħul miksub f'pajjiż ieħor tissodisfa l-istess ħtieġa għas-sempliċità.

(12) Id-dħul li jikkonsisti f'imgħax u ħlasijiet ta' drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali għandu jkun taxxabbli, bi kreditu għat-taxxa minn ras il-għajn imħallsa fuq tali pagamenti. Kuntrarju għall-każ tad-dividendi, ma hemm l-ebda diffikultà biex jiġi kkalkulat tali kreditu.

---

8 ĠU L 222, 14.8.1978, p.11.
9 ĠU L 193, 18.7.1983, p.1.
10 ĠU L 243, 11.9.2002, p.1.

(13) Id-dħul taxxabbli għandu jitnaqqas bl-ispejjeż tan-negozju u ċerti elementi oħra. L-ispejjeż kummerċjali deduċibbli għandhom normalment jinkludu l-ispejjeż kollha relatati mal-bejgħ u l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni, il-manutenzjoni u l-assigurazzjoni tad-dħul. It-tnaqqis għandu jiġi estiż għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ispejjeż magħmula fil-kisba tal-ekwità u d-dejn għall-finijiet tan-negozju. Għandu jkun hemm ukoll lista ta' spejjeż mhux deduċibbli.

(14) L-assi fissi għandhom ikunu deprezzabbli għall-finijiet tat-taxxa, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet. L-assi tanġibbli u mhux tanġibbli ta' ħajja twila għandhom jiġu deprezzati b'mod individwali, filwaqt li l-oħrajn għandhom jitpoġġew fi grupp. Id-deprezzament fi grupp iħaffef l-affarijiet kemm għall-awtoritajiet fiskali kif ukoll għall-kontribwenti billi jevita l-ħtieġa li tiġi stabbilita u miżmuma lista ta' kull tip individwali ta' ass fiss u l-ħajja utli tiegħu.

(15) Il-kontribwenti għandhom jitħallew jirriportaw it-telf b'mod indefinit, iżda ma għandu jiġi permess l-ebda trasferiment lura tat-telf. Billi r-riport tat-telf huwa maħsub biex jassigura li kontribwent iħallas it-taxxa fuq id-dħul reali tiegħu, ma hemm l-ebda raġuni sabiex jitpoġġa limitu ta' żmien fuq ir-riport. It-trasferiment lura tat-telf huwa relattivament rari fil-prattika tal-Istati Membri, u jwassal għal kumplessità eċċessiva.

(16) L-eliġibilità għall-konsolidament (sħubija fi grupp) għandha tiġi determinata skont test f'żewġ partijiet ibbażat fuq (i) il-kontroll (iżjed minn 50% tad-drittijiet tal-vot) u (ii) is-sjieda (iżjed minn 75% tal-ekwità) jew id-drittijiet għall-profitti (iżjed minn 75% tad-drittijiet li jagħtu dritt għall-profitt). Test bħal dan jassigura livell għoli ta' integrazzjoni ekonomika bejn il-membri tal-grupp, kif indikat minn relazzjoni ta' kontroll u livell għoli ta' parteċipazzjoni. Iż-żewġ limiti għandhom jintlaħqu matul is-sena fiskali kollha; inkella, il-kumpanija għandha titlaq mill-grupp immedjatament. Għandu jkun hemm ukoll rekwiżit minimu ta' disa' xhur għas-sħubija fil-grupp.

(17) Għandhom jiġu stabbiliti regoli għar-riorganizzazzjonijiet tan-negozji sabiex jipproteġu d-drittijiet fiskali tal-Istati Membri b'mod ekwu. Meta kumpanija tissieħeb fil-grupp, it-telf kummerċjali ta' qabel il-konsolidament għandu jiġi riportat sabiex jiġi paċut mas-sehem imqassam tal-kontribwent. Meta kumpanija titlaq mill-grupp, ma għandu jiġi allokat lilha l-ebda telf li jkun sar matul il-perjodu ta' konsolidament. Jista' jsir aġġustament fir-rigward tal-qligħ kapitali meta jsir disponiment ta' ċerti assi fi żmien perjodu qasir wara dħul jew il-ħruġ minn grupp. Il-valur tal-assi intanġibbli ġġenerati mill-kumpanija nnifisha għandu jiġi stmat fuq il-bażi ta' mudell xieraq, jiġifieri l-ispejjeż fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq u r-reklamar matul perjodu speċifikat.

(18) Meta jiġu ċċarġjati taxxi minn ras il-għajn fuq l-imgħax u l-ħlasijiet ta' drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali mill-kontribwenti, ir-rikavat ta' dawk it-taxxi għandu jinqasam skont il-formula ta' dik is-sena fiskali. Meta jiġu ċċarġjati taxxi minn ras il-għajn fuq dividendi distribwiti mill-kontribwenti, ir-rikavat ta' dawk it-taxxi ma għandux jinqasam billi, kuntrarju għall-imgħax u d-drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali, id-dividendi ma jkunux wasslu għal tnaqqis preċedenti li jkun inġarr mill-kumpaniji kollha tal-grupp.

(19) It-tranżazzjonijiet bejn kontribwent u intrapriża assoċjata li ma tkunx membru tal-istess grupp għandhom ikunu soġġetti għal aġġustamenti tal-prezzijiet skont il-prinċipju tad-distakkament, li huwa prinċipju applikat b'mod ġenerali.

(20) Is-sistema għandha tinkludi regola ġenerali kontra l-abbużi, supplimentata b'miżuri sabiex jiġu kkontrollati tipi speċifiċi ta' prattiċi abbużivi. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu limitazzjonijiet fuq it-tnaqqis tal-imgħax imħallas lil intrapriżi assoċjati residenti għal finijiet ta' taxxa f'pajjiż ta' taxxi baxxi barra l-Unjoni li ma jiskambjax informazzjoni mal-Istat Membru tal-kontribwent fuq il-bażi ta' ftehim paragunabbli mad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[11] dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-tassazzjoni tal-primjums tal-assigurazzjoni[12] u regoli dwar il-kumpaniji barranin ikkontrollati.

(21) Il-formula għat-tqassim tal-bażi għat-taxxa konsolidata għandha tinkludi tliet fatturi mogħtija l-istess piż (ħaddiema, assi u bejgħ). Il-fattur tal-ħaddiema għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tas-salarji u n-numru ta' impjegati (kull element jgħodd in-nofs). Il-fattur tal-assi għandu jikkonsisti mill-assi tanġibbli fissi kollha. L-assi intanġibbli u finanzjarji għandhom jiġu esklużi mill-formula minħabba n-natura mobbli tagħhom u r-riskji ta' tidwir mas-sistema. L-użu ta' dawn il-fatturi jagħti piż xieraq lill-interessi tal-Istat Membru tal-oriġini. Fl-aħħar nett, għandu jitqies il-bejgħ sabiex tkun assigurata parteċipazzjoni ġusta tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Dawn il-fatturi u piżijiet għandhom jassiguraw li l-profitti jiġu intaxxati fil-post fejn jinkisbu. B'eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali, fejn l-eżitu tat-tqassim ma jirrappreżentax b'mod ġust il-livell ta' attività tan-negozju, klawsola ta' salvagwardja tipprovdi għal metodu alternattiv.

(22) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[13] tapplika għall-ipproċessar tad-dejta personali li jsir fil-qafas ta' din id-Direttiva.

(23) Gruppi ta' kumpaniji għandhom ikunu kapaċi jittrattaw ma' amministrazzjoni fiskali waħda ('awtorità fiskali prinċipali'), li għandha tkun dik tal-Istat Membru li fih tkun residenti l-kumpanija holding tal-grupp ('kontribwent prinċipali') għall-finijiet tat-taxxa. Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi wkoll regoli proċedurali għall-amministrazzjoni tas-sistema. Hija għandha tipprovdi wkoll għal mekkaniżmu ta' deċiżjonijiet bil-quddiem. L-awditi għandhom jinbdew u jkunu kkoordinati mill-awtorità fiskali prinċipali iżda l-awtoritajiet ta' kwalunkwe Stat Membru li fih ikun suġġett għat-taxxa membru tal-grupp jistgħu jitolbu li jinbeda awditu. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew stabbilit membru tal-grupp tista' tisfida deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali fir-rigward tal-avviż ta' għażla jew ta' valutazzjoni emendata quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali. Il-kwistjonijiet bejn il-kontribwenti u l-awtoritajiet fiskali għandhom jiġu ttrattati minn organu amministrattiv li jkun kompetenti biex jisma' l-appelli fl-ewwel istanza skont il-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali.

(24) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bil-għan li taddatta l-Annessi sabiex jinkludu t-tibdil fil-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-forom ta' kumpaniji u t-taxxi korporattivi u taġġorna l-lista tat-taxxi mhux deduċibbli kif ukoll tistabbilixxi regoli dwar id-definizzjoni tas-sjieda legali u ekonomika fir-rigward tal-assi mikrija u l-

---

11 ĠU L 64, 11.3.2011, p.1.

12 *ĠU L 336 27.12.1977, p.15.*

13 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31-50

kalkolu tal-elementi tal-kapital u tal-imgħax tal-ħlasijiet tal-kiri u tal-bażi għad-deprezzament ta' ass mikri. Huwa neċessarju li l-poteri jiġu delegati lill-Kummissjoni għal żmien indeterminat, sabiex, jekk ikun meħtieġ, ir-regoli jkunu jistgħu jiġu aġġustati.

(25) Sabiex ikunu assigurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-adozzjoni annwali ta' lista ta' forom ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, li jistabbilixxu regoli għall-kalkolazzjoni tal-fatturi tal-ħaddiema, tal-assi u tal-bejgħ, l-allokazzjoni tal-impjegati u salarji, l-assi u l-bejgħ lill-fattur rispettiv kif ukoll l-istima tal-assi għall-fattur tal-assi u l-adozzjoni ta' forma standard ta' avviż tal-għażla u ta' regoli dwar is-sottomissjoni elettronika, dwar il-forma tad-dikjarazzjoni tat-taxxa, dwar il-forma tad-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata u dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa ta' sostenn, il-poteri għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn il-poteri għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni[14].

(26) L-għan ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti permezz ta' azzjoni individwali mwettqa mill-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-sistemi fiskali nazzjonali. Minħabba li l-ineffiċjenzi tas-suq intern joħolqu prinċipalment problemi ta' natura transkonfinali, il-miżuri ta' rimedju jridu jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni. Tali approċċ huwa skont il-prinċipju tas-sussidjaretà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan,

(27) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni tad-Direttiva wara perjodu ta' ħames snin u li l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw lill-Kummissjoni billi jipprovdu input xieraq għal dan l-eżerċizzju.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I

# AMBITU

*Artikolu 1*
*Ambitu*

Din id-Direttiva tistabbilixxi sistema għal bażi komuni għat-tassazzjoni ta' ċerti kumpaniji u gruppi ta' kumpaniji u tistipula regoli relatati mal-kalkolazzjoni u l-użu ta' dik il-bażi.

[14] ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

*Artikolu 2*
*Kumpaniji eliġibbli*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kumpaniji stabbiliti skont il-liġijiet ta' Stat Membru meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpanija tieħu waħda mill-forom elenkati fl-Anness I;

(b) il-kumpanija tkun suġġetta għal waħda mit-taxxi korporattivi elenkati fl-Anness II jew għal taxxa simili li tiddaħħal wara.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kumpaniji stabbiliti skont il-liġijiet ta' pajjiż terz fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpanija jkollha forma simili għal waħda mill-forom elenkati fl-Anness I;

(b) il-kumpanija tkun soġġetta għal waħda mit-taxxi korporattivi elenkati fl-Anness II.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 125 u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 128, 129 u 130 bil-għan li temenda l-Anness I u II u biex tqis it-tibdil fil-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-forom tal-kumpaniji u t-taxxi korporattivi.

*Artikolu 3*
*Forom ta' kumpaniji eliġibbli ta' pajjiżi terzi*

1. Kull sena l-Kummissjoni għandha tadotta lista ta' forom ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi li għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2(2)(a). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 131(2).

2. Il-fatt li forma ta' kumpanija ma tkunx inkluża fil-lista ta' forom ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex teskludi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal dik il-forma.

# KAPITOLU II

# KUNĊETTI FUNDAMENTALI

*Artikolu 4*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'kontribwent' ifisser kumpanija li tkun għażlet li tapplika s-sistema prevista minn din id-Direttiva;

(2) ‘kontribwent waħdieni’ jfisser kontribwent li ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal konsolidament;

(3) ‘mhux kontribwent’ tfisser kumpanija li ma tkunx eliġibbli biex tagħżel jew li ma tkunx għażlet li tapplika s-sistema prevista minn din id-Direttiva;

(4) ‘kontribwent residenti’ jfisser kontribwent li jkun residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru skont l-Artikolu 6(3) u (4);

(5) ‘kontribwent mhux residenti’ jfisser kontribwent li ma jkunx residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru skont l-Artikolu 6(3) u (4);

(6) ‘kontribwent prinċipali’ jfisser:

(a) kontribwent residenti, fejn huwa jifforma grupp mas-sussidjarji li jikkwalifikaw tiegħu, l-istabbilimenti permanenti tiegħu li jinsabu fi Stati Membri oħra jew stabbiliment permanenti wieħed jew aktar ta’ sussidjarju li jikkwalifika residenti f’pajjiż terz; jew

(b) il-kontribwent residenti magħżul mill-grupp fejn dan ikun kompost minn żewġ kontribwenti residenti jew aktar li jkunu sussidjarji li jikkwalifikaw immedjati tal-istess kumpanija holding residenti f’pajjiż terz; jew

(c) kontribwent residenti li jkun is-sussidjarju li jikkwalifika ta’ kumpanija holding f’pajjiż terz, fejn dak il-kontribwent residenti jifforma grupp ma’ stabbiliment permanenti wieħed jew aktar biss tal-kumpanija holding tiegħu; jew

(d) l-istabbiliment permanenti magħżul minn kontribwent mhux residenti li jifforma grupp fir-rigward biss tal-istabbiliment permanenti tiegħu li jinsab f’żewġ Stati Membri jew aktar.

(7) ‘membru tal-grupp’ ifisser kwalunkwe kontribwent li jappartjeni għall-istess grupp, kif definit fl-Artikoli 54 u 55. Fejn kontribwent iżomm stabbiliment wieħed jew aktar fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun hemm il-ġestjoni u kontroll ċentrali tiegħu, kull stabbiliment permanenti għandu jiġi ttrattat bħala membru tal-grupp;

(8) ‘dħul’ ifisser ir-rikavat mill-bejgħ jew minn kwalunkwe tranżazzjoni oħra, wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi u dazji oħra miġbura f’isem aġenziji governattivi, kemm ta’ natura monetarja kif ukoll ta’ natura mhux monetarja, inkluż ir-rikavat mid-disponiment ta’ assi u drittijiet, imgħax, dividendi u distribuzzjonijiet oħra ta’ profitti, ir-rikavat minn likwidazzjoni, drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali, sussidji u għotjiet, rigali riċevuti, kumpens u ħlasijiet ex-gratia. Id-dħul għandu jinkludi wkoll ir-rigali mhux monetarji magħmula minn kontribwent. Id-dħul ma għandux jinkludi l-ekwità miksuba mill-kontribwent jew id-dejn imħallas lura lilu;

(9) ‘profitt’ ifisser eċċess ta’ dħul fuq l-ispejjeż deduċibbli u elementi oħra deduċibbli f’sena fiskali;

(10) ‘telf’ ifisser eċċess ta’ spejjeż deduċibbli u elementi oħra deduċibbli fuq id-dħul f’sena fiskali;

(11) ‘bażi għat-taxxa konsolidata’ tfisser ir-riżultat tal-għadd tal-bażijiet għat-taxxa tal-membri kollha tal-grupp ikkalkulati skont l-Artikolu 10;

(12) ‘sehem imqassam’ ifisser il-porzjon tal-bażi għat-taxxa konsolidata ta’ grupp li jiġi allokat lil membru tal-grupp bl-applikazzjoni tal-formula stipulata fl-Artikoli 86-102;

(13) ‘valur għall-finijiet tat-taxxa’ ta’ ass fiss jew ta’ grupp ta’ assi jfisser il-bażi għad-deprezzament eskluż id-deprezzament totali mnaqqas sa dik id-data;

(14) ‘assi fissi’ jfisser l-assi tanġibbli kollha miksuba għal valur jew maħluqa mill-kontribwent u l-assi intanġibbli kollha miksuba għal valur fejn dawn ikunu kapaċi jiġu stmati b’mod indipendenti u użati fin-negozju fil-produzzjoni, manutenzjoni u assigurazzjoni tad-dħul għal iżjed minn 12-il xahar, ħlief meta l-prezz tal-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib tagħhom ikun inqas minn EUR 1 000. L-assi fissi għandhom jinkludu wkoll l-assi finanzjarji;

(15) ‘assi finanzjarji’ jfissru l-ishma f’impriżi affiljati, is-self lil impriżi affiljati, il-parteċipazzjonijiet, is-self lil impriżi li l-kumpanija tkun marbuta magħhom permezz ta’ parteċipazzjonijiet, l-investimenti miżmuma bħala assi fissi, self ieħor, u ishma proprji safejn il-liġi nazzjonali tippermetti li dawn jidhru fil-karta tal-bilanċ;

(16) ‘assi tanġibbli fissi ta’ ħajja twila’ jfissru assi tanġibbli fissi b’ħajja utli ta’ 15-il sena jew aktar. Il-bini, l-inġenji tal-ajru u l-vapuri għandhom jitqiesu bħala assi tanġibbli fissi ta’ ħajja twila;

(17) ‘assi użati’ jfissru assi b’ħajja utli li tkun ġiet parzjalment eżawrita meta nkisbu u li jkunu adatti għal iżjed użu fl-istat preżenti tagħhom jew wara tiswija;

(18) ‘spejjeż għat-titjib’ tfisser kwalunkwe nefqa addizzjonali fuq ass fiss li materjalment iżżid il-kapaċità tal-ass jew materjalment ittejjeb il-funzjonament tiegħu jew li tirrappreżenta iżjed minn 10% tal-bażi inizjali għad-deprezzament tal-ass;

(19) ‘ħażniet u xogħol fl-idejn’ ifissru l-assi miżmuma għall-bejgħ, fil-proċess ta’ produzzjoni għall-bejgħ jew fil-forma ta’ materjali jew provvisti biex jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni jew fl-għoti ta’ servizzi;

(20) ‘sid ekonomiku’ jfisser il-persuna li sostanzjalment ikollha l-benefiċċji u r-riskji kollha marbuta ma’ ass fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx il-proprjetarju legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossiedi, juża u jiddisponi minn ass fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew il-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;

(21) ‘awtorità kompetenti’ tfisser l-awtorità maħtura minn kull Stat Membru biex tamministra l-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva;

(22) ‘awtorità fiskali prinċipali’ tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti l-kontribwent prinċipali jew, jekk ikun stabbiliment permanenti ta’ kontribwent mhux residenti, fejn ikun jinstab;

(23) ‘verifika’ tfisser inkjesti, spezzjonijiet jew eżamijiet ta’ kwalunkwe tip imwettqa minn awtorità kompetenti sabiex tivverifika l-konformità ta’ kontribwent ma’ din id-Direttiva.

*Artikolu 5*
*Stabbiliment permanenti*

1. Kontribwent għandu jitqies li għandu 'stabbiliment permanenti' fi Stat li ma jkunx l-Istat fejn ikun hemm il-ġestjoni u kontroll ċentrali tiegħu meta huwa jkollu post fiss f'dak l-Istat l-ieħor li permezz tiegħu jitmexxa kompletament jew parzjalment in-negozju, fosthom b'mod partikolari:

   (a) post ta' ġestjoni;

   (b) fergħa;

   (c) uffiċċju;

   (d) fabbrika;

   (e) ħanut tax-xogħol;

   (f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kwalunkwe post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

2. Sit tal-bini jew proġett ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjoni għandu jikkostitwixxi stabbiliment permanenti biss jekk idum aktar minn tnax-il xahar.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu stabbiliment permanenti:

   a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent;

   b) iż-żamma ta' ħażna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

   ċ) iż-żamma ta' ħażna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent għall-iskop biss ta' pproċessar minn persuna oħra;

   d) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop biss ta' xiri ta' prodotti jew merkanzija jew ta' ġbir ta' informazzjoni għall-kontribwent;

   e) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop biss li titwettaq, għall-kontribwent, kwalunkwe attività oħra ta' natura preparatorja jew awżiljari;

   f) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop biss ta' kwalunkwe kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e), bil-kundizzjoni li l-attività globali tal-post fiss tan-negozju li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun ta' karattru preparatorju jew awżiljari.

4. Minkejja l-paragrafu 1, meta persuna - għajr aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 5 - tkun qiegħda taġixxi f'isem kontribwent u jkollha, u teżerċita regolarment fi Stat, awtorità biex tikkonkludi kuntratti f'isem il-kontribwent, dak il-kontribwent għandu jitqies li għandu stabbiliment permanenti f'dak l-Istat fir-rigward ta' kwalunkwe attività li l-persuna twettaq għall-kontribwent, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 3 li, jekk

jiġu eżerċitati minn post fiss tan-negozju, ma jagħmlux dan il-post fiss tan-negozju stabbiliment permanenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

5. Kontribwent ma għandux jitqies li għandu stabbiliment permanenti f'xi Stat sempliċement għaliex jagħmel negozju f'dak l-Istat permezz ta' intermedjarju, aġent ġenerali b'kummissjoni jew xi aġent ieħor bi status indipendenti, bil-kundizzjoni li tali persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

6. Il-fatt li kontribwent li jkun residenti ta' Stat jikkontrolla jew ikun ikkontrollat minn kontribwent li jkun residenti ta' Stat ieħor, iwettaq negozju f'dak l-Istat l-ieħor (kemm permezz ta' stabbiliment permanenti jew mod ieħor), ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil wieħed mill-kontribwenti stabbiliment permanenti tal-ieħor.

# KAPITOLU III

# GĦAŻLA TAS-SISTEMA PREVISTA MINN DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 6*
*Għażla*

1. Kumpanija li għaliha tapplika din id-Direttiva, li tkun residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru, tista' tagħżel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva bil-kundizzjonijiet previsti fiha.

2. Kumpanija li għaliha tapplika din id-Direttiva, li ma tkunx residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru, tista' tagħżel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva bil-kundizzjonijiet stabbiliti fiha fir-rigward ta' stabbiliment permanenti li jkollha fi Stat Membru.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, kumpanija li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, il-post tal-inkorporazzjoni jew il-post ta' ġestjoni effettiva fi Stat Membru u ma tkunx, skont it-termini ta' ftehim konkluż minn dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz, meqjusa bħala residenti fiskali f'dak il-pajjiż terz, għandha titqies bħala residenti għall-finijiet tat-taxxa f'dak l-Istat Membru.

4. Fejn, skont il-paragrafu 3, kumpanija tkun residenti f'iżjed minn Stat Membru wieħed, hija għandha titqies bħala residenti fl-Istat Membru li fih ikollha l-post ta' ġestjoni effettiva tagħha.

5. Jekk il-post ta' ġestjoni effettiva ta' membru ta' grupp tat-tbaħħir jew ta' membru ta' grupp involut fit-trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma jkun abbord vapur jew dgħajsa, huwa għandu jitqies li jinsab fl-Istat Membru tal-port domestiku tal-vapur jew tad-dgħajsa, jew, jekk ma jkunx hemm tali port domestiku, fl-Istat Membru ta' residenza tal-operatur tal-vapur jew tad-dgħajsa.

6. Kumpanija residenti fi Stat Membru li tagħżel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva għandha tkun suġġetta għal taxxa korporattiva skont dik is-sistema fuq id-dħul kollu

derivat minn kwalunkwe sors, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Istat Membru ta' residenza tagħha.

7. Kumpanija residenti f'pajjiż terz li tagħżel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva għandha tkun suġġetta għal taxxa korporattiva skont dik is-sistema fuq id-dħul kollu minn attività mwettqa permezz ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru.

*Artikolu 7*
*Liġi applikabbli*

Meta kumpanija tikkwalifika u tagħżel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva, hija ma tibqax suġġetta għall-arranġamenti nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha rregolati minn din id-Direttiva sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

*Artikolu 8*
*Id-Direttiva tieħu preċedenza fuq il-ftehimiet bejn l-Istati Membri*

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw minkejja kwalunkwe dispożizzjonijiet kuntrarji f'xi ftehim konkluż bejn l-Istati Membri.

# KAPITOLU IV

# KALKOLAZZJONI TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA

*Artikolu 9*
*Prinċipji ġenerali*

1. Fil-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa, il-profitti u t-telf għandhom jiġu rikonoxxuti biss meta jiġu rrealizzati.

2. It-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti taxxabbli għandhom jitkejlu b'mod individwali.

3. Il-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa għandha titwettaq b'mod konsistenti sakemm xi ċirkustanzi eċċezzjonali ma jiġġustifikawx bidla.

4. Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi determinata għal kull sena fiskali sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor. Sena fiskali għandha tkun kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor.

*Artikolu 10*
*Elementi tal-bażi għat-taxxa*

Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi kkalkulata bħala d-dħul, tnaqqas minnu d-dħul eżentat, l-ispejjeż deduċibbli u elementi oħra deduċibbli.

*Artikolu 11*
*Dħul eżentat*

Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżentati mit-taxxa korporattiva:

(a) sussidji direttament marbuta mal-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib ta' assi fissi, suġġett għal deprezzament skont l-Artikoli 32 sa 42;

(b) ir-rikavat mid-disponiment tal-assi miġbura li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 39(2), inkluż il-valur kummerċjali ta' rigali mhux monetarji;

(c) id-distribuzzjonijiet tal-profitti riċevuti;

(d) ir-rikavat mid-disponiment ta' ishma;

(e) id-dħul ta' stabbiliment permanenti f'pajjiż terz.

*Artikolu 12*
*Spejjeż deduċibbli*

L-ispejjeż deduċibbli għandhom jinkludu l-ispejjeż kollha tal-bejgħ u l-ispejjeż wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli li jkun għamel il-kontribwent biex jikseb jew jassigura d-dħul, inklużi l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ispejjeż magħmula fil-kisba tal-ekwità jew id-dejn għall-finijiet tan-negozju.

L-ispejjeż deduċibbli għandhom jinkludu wkoll ir-rigali lil entitajiet karitatevoli kif definiti fl-Artikolu 16 li jkunu stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li japplika ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni meta tintalab, komparabbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/16/UE. L-ispiża massima deduċibbli għar-rigali monetarji jew id-donazzjonijiet lil entitajiet karitatevoli għandha tkun 0,5% tad-dħul fis-sena fiskali.

*Artikolu 13*
*Elementi oħra deduċibbli*

Jista' jsir tnaqqis proporzjonali fir-rigward tad-deprezzament ta' assi fissi skont l-Artikoli 32 sa 42.

*Artikolu 14*
*Spejjeż mhux deduċibbli*

1. L-ispejjeż li ġejjin għandhom jiġu ttrattati bħala mhux deduċibbli:

   (a) id-distribuzzjonijiet tal-profitti u l-ħlas lura ta' ekwità jew dejn;

   (b) 50% tal-ispejjeż għad-divertiment;

   (c) it-trasferiment tal-qligħ miżmum għal riserva li tifforma parti mill-ekwità tal-kumpanija;

   (d) it-taxxa korporattiva;

(e) it-tixħim;

(f) il-multi u l-penali pagabbli lil awtorità pubblika għall-ksur ta' xi leġiżlazzjoni;

(ġ) l-ispejjeż magħmula minn kumpanija biex tikseb dħul li jkun eżentat skont l-Artikolu 11; tali spejjeż għandhom ikunu marbuta b'rata fissa ta' 5% ta' dak id-dħul sakemm il-kontribwent ma jkunx kapaċi juri li kellu spiża aktar baxxa;

(ħ) rigali monetarji u donazzjonijiet għajr dawk magħmula lil entitajiet karitatevoli kif definit fl-Artikolu 16;

(i) ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 13 u 20, l-ispejjeż marbuta mal-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib tal-assi fissi ħlief dawk relatati mar-riċerka u l-iżvilupp;

(j) it-taxxi elenkati fl-Anness III, bl-eċċezzjoni tad-dazji tas-sisa imposti fuq il-prodotti tal-enerġija, l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, u t-tabakk immanifatturat.

2. Minkejja l-punt (j) tal-paragrafu 1, Stat Membru jista' jipprovdi għat-tnaqqis ta' waħda jew aktar mit-taxxi elenkati fl-Anness III. Fil-każ ta' grupp, kwalunkwe tnaqqis bħal dan għandu jiġi applikat għas-sehem imqassam tal-membri tal-grupp residenti jew sitwati f'dak l-Istat Membru.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 127 u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 128, 129 u 130 sabiex temenda l-Anness III kif meħtieġ sabiex tinkludi t-taxxi simili kollha li jiġbru iżjed minn 20% tal-ammont totali ta' taxxa korporattiva fl-Istat Membru li fih jiġu intaxxati.

L-emendi fl-Anness III għandhom japplikaw l-ewwel darba għall-kontribwenti fis-sena fiskali tagħhom li tibda wara l-emenda.

### *Artikolu 15*
### *Nefqa magħmula għall-benefiċċju tal-azzjonisti*

Il-benefiċċji mogħtija lil azzjonist li jkun individwu, il-konjuġi tiegħu/tagħha, l-axxendent jew id-dixxendent lineali jew intrapriżi assoċjati, li jkollhom parteċipazzjoni diretta jew indiretta fil-kontroll, il-kapital jew il-ġestjoni tal-kontribwent, kif imsemmi fl-Artikolu 78, ma għandhomx jiġu ttrattati bħala spejjeż deduċibbli sakemm tali benefiċċji ma jingħatawx lil terza parti indipendenti.

### *Artikolu 16*
### *Entitajiet karitatevoli*

Organu għandu jikkwalifika bħala tal-karità meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollu karattru legali u jkun rikonoxxut bħala karità skont il-liġi tal-Istat li fih ikun stabbilit;

(b) l-għan u l-attività waħdiena jew prinċipali tiegħu tkun waħda ta' benefiċċju pubbliku; għan edukattiv, soċjali, mediku, kulturali, xjentifiku, filantropiku, reliġjuż,

ambjentali jew sportiv għandu jitqies li huwa ta' benefiċċju pubbliku bil-kundizzjoni li jkun ta' interess ġenerali;

(c) l-assi tiegħu jkunu ddedikati b'mod irrevokabbli għat-twettiq tal-għan tiegħu;

(d) ikun suġġett għal rekwiżiti għall-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u l-attivitajiet tiegħu;

(e) ma jkunx partit politiku kif definit mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit.

# KAPITOLU V

# TEMPIŻMU U KWANTIFIKAZZJONI

*Artikolu 17*
*Prinċipji ġenerali*

Id-dħul, l-ispejjeż u l-elementi deduċibbli l-oħra kollha għandhom jiġu rikonoxxuti fis-sena fiskali li fiha jkunu akkumulaw jew saru, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 18*
*Akkumulazzjoni tad-dħul*

Id-dħul jakkumula meta jinħoloq id-dritt li jiġu riċevuti u jkun jista' jiġi kwantifikat bi preċiżjoni raġonevoli, irrispettivament minn jekk jiġix pospost il-ħlas attwali.

*Artikolu 19*
*Tiġrib ta' spejjeż deduċibbli*

Spiża deduċibbli sseħħ fil-mument li jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun inħoloq l-obbligu li jsir il-ħlas;

(b) l-ammont tal-obbligu jkun jista' jiġi kwantifikat bi preċiżjoni raġonevoli;

(c) fil-każ ta' kummerċ fi prodotti, ir-riskji u l-vantaġġi sinifikanti tas-sjieda fuq il-prodotti jkunu ġew trasferiti lill-kontribwent u, fil-każ tal-fornimenti ta' servizzi, dawn tal-aħħar ikun irċevihom il-kontribwent.

*Artikolu 20*
*Spejjeż relatati ma' assi mhux deprezzabbli*

L-ispejjeż relatati mal-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib ta' assi fissi mhux soġġetti għad-deprezzament skont l-Artikolu 40 għandhom jitnaqqsu fis-sena fiskali li fihom isir id-disponiment tal-assi fissi, bil-kundizzjoni li r-rikavat mid-disponiment jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa.

*Artikolu 21*
*Ħażniet u xogħol fl-idejn*

L-ammont totali ta' spejjeż deduċibbli għal sena fiskali għandu jiġi miżjud bil-valur tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn fil-bidu tas-sena fiskali u jitnaqqas bil-valur tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn fit-tmiem tal-istess sena fiskali. Ma għandu jsir l-ebda aġġustament fir-rigward ta' ħażniet u xogħol fl-idejn relatati ma' kuntratti fit-tul.

*Artikolu 22*
*Stima*

1. Għall-finijiet ta' kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa, it-tranżazzjonijiet għandhom jitkejlu skont:

   (a) il-konsiderazzjoni monetarja għat-tranżazzjoni, bħall-prezz tal-prodotti jew is-servizzi;

   (b) il-valur tas-suq meta l-konsiderazzjoni għat-tranżazzjoni tkun kompletament jew parzjalment mhux monetarja;

   (c) il-valur tas-suq fil-każ ta' rigal mhux monetarju riċevut minn kontribwent;

   (d) il-valur tas-suq fil-każ ta' rigali mhux monetarji magħmula minn kontribwent għajr rigali lil entitajiet karitatevoli;

   (e) il-valur ġust tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju;

   (f) il-valur għall-finijiet tat-taxxa fil-każ tar-rigali mhux monetarji lil entitajiet karitatevoli.

2. Il-bażi għat-taxxa, id-dħul u l-ispejjeż għandhom jitkejlu f'EUR matul is-sena fiskali jew jinqalbu f'EUR fl-aħħar jum tas-sena fiskali bir-rata medja annwali tal-kambju għas-sena kalendarja maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew jew, jekk is-sena fiskali ma tkunx taqbel mas-sena kalendarja, bil-medja tal-osservazzjonijiet ta' kuljum maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew matul is-sena fiskali. Dan ma għandux japplika għal kontribwent waħdieni li jkun jinsab fi Stat Membru li ma jkunx adotta l-euro. Ma għandux japplika lanqas għal grupp jekk il-membri kollha tal-grupp ikunu jinsabu fl-istess Stat Membru u dak l-Istat Membru ma jkunx adotta l-euro.

*Artikolu 23*
*Assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għall-kummerċ (ktieb tan-negozju)*

1. Ass jew obbligazzjoni finanzjarja għandhom jiġu kklassifikati bħala miżmuma għall-kummerċ jekk ikunu xi waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) akkwistati jew imġarrba prinċipalment għall-iskop ta' bejgħ jew xiri mill-ġdid fil-perjodu fil-qrib;

   (b) parti minn portafoll ta' strumenti finanzjarji identifikati, inklużi derivattivi, li jkunu mmaniġġjati flimkien u li għalihom ikun hemm evidenza ta' mudell attwali riċenti ta' teħid tal-profitti fuq perjodu qasir.

2. Minkejja l-Artikoli 18 u 19, kwalunkwe differenza bejn il-valur ġust fit-tmiem tas-sena fiskali u l-valur ġust fil-bidu tal-istess sena fiskali, jew fid-data tax-xiri jekk tkun aktar tard, tal-assi jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għall-kummerċ għandha tiġi inkluża fil-bażi għat-taxxa.

3. Meta jsir disponiment minn ass jew obbligazzjoni finanzjarja miżmuma għall-kummerċ, ir-rikavat għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa. Il-valur ġust fil-bidu tas-sena fiskali, jew il-valur tas-suq fid-data tax-xiri jekk tkun aktar tard, għandu jitnaqqas.

*Artikolu 24*
*Kuntratti fuq perjodu fit-tul*

1. Kuntratt fuq perjodu fit-tul huwa wieħed li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun konkluż għall-iskop ta' manifattura, installazzjoni jew kostruzzjoni jew it-twettiq ta' servizzi;

(b) it-terminu tiegħu jaqbeż, jew ikun mistenni li jaqbeż, 12-il xahar.

2. Minkejja l-Artikolu 18, id-dħul relatat ma' kuntratt fuq perjodu fit-tul għandu jiġi rikonoxxut, għall-finijiet tat-taxxa, skont l-ammont li jikkorrispondi għall-parti tal-kuntratt kompletata fis-sena fiskali rispettiva. Il-perċentwali tat-tlestija għandu jiġi stabbilit b'referenza għall-proporzjon tal-ispejjeż ta' dik is-sena mal-ispejjeż globali stmati jew b'referenza għal evalwazzjoni esperta tal-istadju tat-tlestija fit-tmiem tas-sena fiskali.

3. L-ispejjeż relatati ma' kuntratti fuq perjodu fit-tul għandhom jiġu kkunsidrati fis-sena fiskali li fiha jseħħu.

*Artikolu 25*
*Provvedimenti*

1. Minkejja l-Artikolu 19, meta fl-aħħar ta' sena fiskali jiġi stabbilit li l-kontribwent ikollu obbligu legali, jew obbligu legali ġejjieni probabbli, li jirriżulta minn attivitajiet jew tranżazzjonijiet imwettqa f'dik is-sena fiskali, jew fi snin fiskali preċedenti, kwalunkwe ammont li jirriżulta minn dak l-obbligu li jista' jiġi stmat b'mod affidabbli għandu jkun deduċibbli, bil-kundizzjoni li s-saldu eventwali tal-ammont ikun mistenni li jirriżulta fi spiża deduċibbli.

Meta l-obbligu jirrigwarda attività jew tranżazzjoni li tkun se tissokta matul snin fiskali futuri, it-tnaqqis għandu jinfirex b'mod proporzjonat fuq il-perjodu stmat tal-attività jew tranżazzjoni, billi jitqies id-dħul derivat minnha.

L-ammonti mnaqqsa skont dan l-Artikolu għandhom jiġu riveduti u aġġustati fl-aħħar ta' kull sena fiskali. Meta tiġi kkalkulata l-bażi għat-taxxa fi snin futuri, għandhom jiġu kkunsidrati l-ammonti li jkunu diġà tnaqqsu.

2. Stima affidabbli għandha tkun in-nefqa prevista meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu preżenti fit-tmiem tas-sena fiskali, bil-kundizzjoni li l-istima tkun ibbażata fuq il-

fatturi kollha rilevanti, fosthom l-esperjenza mgħoddija tal-kumpanija, il-grupp jew l-industrija. Fil-kejl ta' provvediment għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) għandhom jitqiesu r-riskji u l-inċertezzi kollha. Madankollu, l-inċertezza ma għandhiex tiġġustifika l-ħolqien ta' provvedimenti eċċessivi;

(b) jekk it-terminu tal-provvediment ikun 12-il xahar jew aktar u ma jkun hemm l-ebda rata maqbula ta' skont, il-provvediment għandu jitnaqqas bil-medja annwali tal-Euro Interbank Offered Rate (Euribor) għal obbligazzjonijiet b'maturità ta' 12-il xahar, kif ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, fis-sena kalendarja li matulha tintemm is-sena fiskali;

(c) l-avvenimenti futuri għandhom jitqiesu meta jkunu raġonevolment jistgħu jiġu mistennija li jseħħu;

(d) għandhom jitqiesu benefiċċji futuri direttament marbuta mal-avveniment li jwassal għall-provvediment.

*Artikolu 26*
*Pensjonijiet*

Fil-każ tal-provvedimenti tal-pensjoni, għandhom jintużaw metodi attwarji sabiex issir stima affidabbli tal-ammont ta' benefiċċji li l-impjegati jkunu qalgħu għas-servizz tagħhom fil-perjodu preżenti u preċedenti.

Il-provvediment tal-pensjoni għandu jitnaqqas b'referenza għall-Euribor fil-każ ta' obbligazzjonijiet b'maturità ta' 12-il xahar, kif ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-kalkoli għandhom ikunu bbażati fuq il-medja annwali ta' dik ir-rata fis-sena kalendarja li matulha tintemm is-sena fiskali.

*Artikolu 27*
*Tnaqqis tad-dejn li ma jistax jinġabar*

1. Għandu jiġi permess tnaqqis għal riċevibbli ta' dejn li ma jistax jinġabar meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fit-tmiem tas-sena fiskali, il-kontribwent ikun ħa l-passi kollha raġonevoli sabiex jagħmel il-ħlas u raġonevolment iħoss li d-dejn ma jkunx se jiġi ssodisfat b'mod sħiħ jew parzjali; jew il-kontribwent ikollu numru kbir ta' riċevibbli omoġenji u jkun kapaċi jistma b'mod affidabbli l-ammont ta' riċevibbli ta' dejn li ma jistax jinġabar fuq bażi ta' perċentwali, permezz ta' referenza għall-fatturi kollha rilevanti, inkluża l-esperjenza mgħoddija fejn applikabbli;

(b) id-debitur ma jkunx membru tal-istess grupp bħall-kontribwent;

(c) ma jkun intalab l-ebda tnaqqis skont l-Artikolu 41 fir-rigward tad-dejn li ma jistax jinġabar;

(d) fejn id-dejn li ma jistax jinġabar jirrigwarda riċevibbli tan-negozju, ammont korrispondenti għad-dejn għandu jkun ġie inkluż fil-bażi għat-taxxa.

2. Fl-istabbiliment ta' jekk ikunux ittieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex isir il-ħlas, għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

(a) jekk l-ispejjeż tal-ġbir ikunux sproporzjonati mad-dejn;

(b) jekk ikunx hemm xi prospett ta' ġbir b'suċċess;

(c) jekk ikunx raġonevoli, fiċ-ċirkustanzi, li wieħed jistenna li l-kumpanija tagħmel il-ġbir.

3. Meta talba preċedentement imnaqqsa bħala dejn li ma jistax jinġabar tiġi saldata, l-ammont irkuprat għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa fis-sena tas-saldu.

*Artikolu 28*
*Kopertura*

Il-profitti u t-telf fuq strument ta' kopertura (hedging) għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-profitti u t-telf korrispondenti fuq l-oġġett kopert. Fil-każ ta' kontribwenti li jkunu membri ta' grupp, l-istrument tal-kopertura u l-oġġett kopertura jistgħu jinżammu minn membri differenti tal-grupp. Ikun hemm relazzjoni ta' kopertura meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-relazzjoni tal-kopertura tkun magħżula u dokumentata b'mod formali minn qabel;

(b) il-kopertura ikun mistenni li jkun effettiv ħafna u l-effikaċja tkun tista' tiġi mkejla b'mod affidabbli.

*Artikolu 29*
*Ħażniet u xogħol fl-idejn*

1. Il-prezz tal-oġġetti maħżuna u x-xogħol fl-idejn li ma jkunux ordinarjament interskambjabbli u l-prodotti u s-servizzi magħmula u separati għal proġetti speċifiċi għandu jiġi mkejjel b'mod individwali. L-ispejjeż ta' oġġetti maħżuna u xogħol ieħor fl-idejn għandhom jitkejlu bl-użu tal-metodu *first-in first-out* (FIFO) jew tal-kost medju peżat.

2. Kontribwent għandu konsistentement juża l-istess metodu għall-istima tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn kollha li jkollhom natura u użu simili. Il-prezz tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn għandu jinkludi l-ispejjeż kollha tax-xiri, l-ispejjeż diretti tal-konverżjoni u spejjeż diretti oħra li jsiru sabiex jitwasslu fil-post u l-kundizzjoni preżenti tagħhom. L-ispejjeż għandhom ikunu netti mit-Taxxi fuq il-Valur Miżjud deduċibbli. Kontribwent li jkun inkluda spejjeż indiretti fl-istima tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn qabel għażel is-sistema stipulata f'din id-Direttiva jista' jkompli japplika l-approċċ tal-kost indirett.

3. L-istima tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn għandha ssir b'mod konsistenti.

4. Il-ħażniet u x-xogħol fl-idejn għandhom jiġu stmati fl-aħħar jum tas-sena fiskali skont l-inqas wieħed mill-prezz u l-valur nett realizzabbli. Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz stmat tal-bejgħ fil-kors ordinarju tan-negozju, tnaqqas minnu l-ispejjeż stmati tat-tlestija u l-ispejjeż stmati li huma meħtieġa sabiex isir il-bejgħ.

*Artikolu 30*
*Impriżi tal-assigurazzjoni*

L-impriżi tal-assigurazzjoni li ġew awtorizzati sabiex joperaw fl-Istati Membri, skont id-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE[15] għall-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja, u d-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] għar-riassigurazzjoni, għandhom ikunu suġġetti għar-regoli addizzjonali li ġejjin:

(a) il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-differenza fil-valur tas-suq, kif imkejjel fil-bidu u fit-tmiem tal-istess sena fiskali, jew mat-tlestija tax-xiri jekk ikun aktar tard, tal-assi li fihom isir investiment għall-benefiċċju tad-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni li jerfgħu r-riskju tal-investiment;

(b) il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-differenza fil-valur tas-suq, kif imkejjel fil-mument tad-disponiment u l-bidu tas-sena fiskali, jew mat-tlestija tax-xiri jekk ikun aktar tard, tal-assi li fihom isir investiment għall-benefiċċju tad-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni li jerfgħu r-riskju tal-investiment;

(c) il-provvedimenti tekniċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti skont id-Direttiva 91/674KEE[18] għandhom ikunu deduċibbli, bl-eċċezzjoni tal-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni. Stat Membru jista' jipprovdi għat-tnaqqis tal-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni. Fil-każ ta' grupp, kwalunkwe tnaqqis bħal dan fil-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni għandu jiġi applikat għas-sehem imqassam tal-membri tal-grupp residenti jew sitwati f'dak l-Istat Membru. L-ammonti mnaqqsa għandhom jiġu riveduti u aġġustati fit-tmiem ta' kull sena fiskali. Meta tiġi kkalkulata l-bażi għat-taxxa fis-snin futuri, għandhom jiġu kkunsidrati l-ammonti li jkunu diġà tnaqqsu.

*Artikolu 31*
*Trasferimenti ta' assi lejn pajjiż terz*

1. It-trasferiment ta' ass fiss minn kontribwent residenti għal stabbiliment permanenti tiegħu f'pajjiż terz għandu jitqies bħala disponiment tal-ass għall-iskop li tiġi kkalkulata l-bażi għat-taxxa ta' kontribwent residenti fir-rigward tas-sena fiskali tat-trasferiment. It-trasferiment ta' ass fiss minn kontribwent mhux residenti mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru lejn pajjiż terz għandu jitqies ukoll bħala disponiment tal-ass.

2. Paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-pajjiż terz ikun parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u jkun hemm ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni

---

15 ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.
16 ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.
17 ĠU L 232.9.12.2005, p. 1.
18 ĠU L 374, 19.12.1991, p. 1.

bejn dak il-pajjiż terz u l-Istat Membru tal-kontribwent residenti jew tal-istabbiliment permanenti, komparabbli mad-Direttiva 2011/16/UE.

# KAPITOLU VI

# DEPREZZAMENT TAL-ASSI FISSI

*Artikolu 32*
*Reġistru tal-assi fissi*

L-ispejjeż għall-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib, flimkien mad-data rilevanti, għandhom jiġu rreġistrati separatament f'reġistru tal-assi fissi għal kull ass fiss.

*Artikolu 33*
*Bażi għad-deprezzament*

1. Il-bażi għad-deprezzament għandha tinkludi kwalunkwe spiża marbuta mal-akkwist, il-kostruzzjoni jew titjib ta' ass fiss.

   L-ispejjeż ma għandhomx jinkludu t-taxxa deduċibbli fuq il-valur miżjud.

   Fil-każ tal-assi fissi prodotti mill-kontribwent, l-ispejjeż indiretti li jsiru fil-produzzjoni tal-ass għandhom jiżdiedu wkoll mal-bażi għad-deprezzament sakemm dawn ma jkunux deduċibbli mod ieħor.

2. Il-bażi għad-deprezzament ta' ass riċevut bħala rigal għandha tkun il-valur tas-suq tiegħu kif inkluż fid-dħul.

3. Il-bażi għad-deprezzament ta' ass fiss suġġett għad-deprezzament għandha titnaqqas bi kwalunkwe sussidju marbut direttament mal-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib tal-ass kif imsemmi fl-Artikolu 11(a).

*Artikolu 34*
*Dritt ta' deprezzament*

1. Suġġett għall-paragrafu 3, id-deprezzament għandu jitnaqqas mis-sid ekonomiku.

2. Fil-każ tal-kuntratti ta' kiri li fihom is-sjieda ekonomika u legali ma jkunux jaqblu, is-sid ekonomiku għandu jkollu d-dritt li jnaqqas l-element ta' imgħax tal-ħlasijiet tal-kiri mill-bażi għat-taxxa tiegħu. L-element ta' imgħax tal-ħlasijiet tal-kiri għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa tas-sid legali.

3. Ass fiss ma jistax jiġi deprezzat minn iżjed minn kontribwent wieħed fl-istess ħin. Jekk is-sid ekonomiku ta' ass ma jkunx jista' jiġi identifikat, is-sid legali għandu jkollu d-dritt li jnaqqas id-deprezzament. F'dak il-każ l-element ta' imgħax tal-ħlasijiet tal-kiri ma għandux jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa tas-sid legali.

4. Kontribwent ma jistax iċedi d-dritt għad-deprezzament.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 127 u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 128, 129 u 130 sabiex tistabbilixxi regoli iżjed dettaljati dwar:

(a) id-definizzjoni tas-sjieda legali u ekonomika, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi mikrija;

(b) il-kalkolazzjoni tal-kapital u tal-elementi ta' imgħax tal-ħlasijiet tal-kiri;

(c) il-kalkolazzjoni tal-bażi għad-deprezzament ta' ass mikri.

*Artikolu 35*
*Deprezzament tal-ispejjeż għat-titjib*

L-ispejjeż għat-titjib għandhom jiġu deprezzati skont ir-regoli applikabbli għall-ass fiss li jkun ġie mtejjeb daqs li kieku kienu relatati ma' ass fiss li għadu kemm jiġi akkwistat.

*Artikolu 36*
*Assi deprezzabbli b'mod individwali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 u l-Artikoli 39 u 40, l-assi fissi għandhom jiġu deprezzati b'mod individwali fuq il-ħajja utli tagħhom fuq bażi ta' linja dritta. Il-ħajja utli ta' ass fiss għandha tiġi determinata kif ġej:

(a) bini: 40 sena;

(b) assi tanġibbli ta' ħajja twila għajr bini: 15-il sena;

(c) assi intanġibbli: il-perjodu li matulu l-ass igawdi protezzjoni legali jew li għalih jingħata d-dritt jew, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi determinat, 15-il sena;

2. Il-bini użat, l-assi tanġibbli użati ta' ħajja twila u l-assi intanġibbli użati għandhom jiġu deprezzati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) bini użat għandu jiġi deprezzat fuq 40 sena sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-bini tkun iqsar minn 40 sena, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perjodu iqsar;

(b) ass tanġibbli użat ta' ħajja twila għandu jiġi deprezzat fuq 15-il sena, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-ass tkun iqsar minn 15-il sena, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perjodu iqsar;

(c) ass intanġibbli użat għandu jiġi deprezzat fuq 15-il sena, sakemm ma jkunx jista' jiġi stabbilit il-perjodu li jifdal li matulu l-ass igawdi protezzjoni legali jew li għalih jingħata d-dritt, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perjodu.

*Artikolu 37*
*Tempiżmu*

1. Deprezzament ta' sena sħiħa għandu jitnaqqas fis-sena tal-akkwist jew meta jibda jintuża, skont liema jkun l-aħħar. Ma għandu jitnaqqas l-ebda deprezzament fis-sena tad-disponiment.

2. Meta jiġi ċedut ass, b'mod volontarju jew involontarju, matul sena fiskali, il-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa u l-valur għall-finijiet tat-taxxa ta' kwalunkwe spejjeż għat-titjib li jkunu saru fir-rigward tal-ass, għandhom jitnaqqsu mill-bażi għat-taxxa f'dik is-sena. Meta ass fiss ikun wassal għal tnaqqis eċċezzjonali skont l-Artikolu 41, it-tnaqqis skont l-Artikolu 20 għandu jitnaqqas sabiex jinkludi t-tnaqqis eċċezzjonali li diġà jkun sar.

*Artikolu 38*
*Rollover relief għall-assi ta' sostituzzjoni*

1. Meta r-rikavat mid-disponiment ta' ass deprezzabbli b'mod individwali jkun se jerġa' jiġ investit qabel it-tmiem tas-sena fiskali wara s-sena fiskali li fiha jkun sar id-disponiment, f'ass użat għall-istess għan jew għal għan simili, l-ammont li bih dak ir-rikavat jaqbeż il-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-ass għandu jitnaqqas fis-sena tad-disponiment. Il-bażi għad-deprezzament tal-ass ta' sostituzzjoni għandha titnaqqas bl-istess ammont.

Ass li jitneħħa b'mod volontarju jrid ikun ġie possedut għal perjodu minimu ta' tliet snin qabel id-disponiment.

2. L-ass ta' sostituzzjoni jista' jinxtara fis-sena fiskali ta' qabel id-disponiment.

Jekk ass ta' sostituzzjoni ma jinxtarax qabel it-tmiem tat-tieni sena fiskali wara s-sena li fiha jkun sar id-disponiment tal-ass, l-ammont imnaqqas fis-sena tad-disponiment, miżjud b'10%, għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa fit-tieni sena fiskali wara li jkun sar id-disponiment.

3. Jekk il-kontribwent jitlaq mill-grupp li tiegħu jkun membru jew ma jibqax japplika s-sistema stipulata f'din id-Direttiva fl-ewwel sena, mingħajr ma jkun xtara ass ta' sostituzzjoni, l-ammont imnaqqas fis-sena tad-disponiment għandu jiġi miżjud mal-bażi għat-taxxa. Jekk il-kontribwent jitlaq mill-grupp jew ma jibqax japplika s-sistema fit-tieni sena, dak l-ammont għandu jiżdied b'10%.

*Artikolu 39*
*Grupp ta' assi*

1. Assi fissi għajr dawk imsemmija fl-Artikoli 36 u 40 għandhom jiġi deprezzati flimkien fi grupp wieħed ta' assi b'rata annwali ta' 25% tal-bażi għad-deprezzament.

2. Il-bażi għad-deprezzament tal-grupp ta' assi fit-tmiem tas-sena finanzjarja għandha tkun il-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa fit-tmiem tas-sena preċedenti, aġġustata għall-assi li jidħlu u joħorġu mill-grupp ta' assi matul is-sena kurrenti. Għandhom isiru aġġustamenti fir-rigward tal-ispejjeż għall-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib tal-assi (li għandhom jiġu

miżjuda) u r-rikavat mid-disponiment ta' assi u kwalunkwe kumpens riċevut għat-telf jew il-qerda ta' ass (li għandhom jiġu mnaqqsa).

3. Jekk il-bażi għad-deprezzament kif ikkalkulata skont il-paragrafu 2 tkun ammont negattiv, għandu jiżdied ammont, sabiex il-bażi għad-deprezzament tkun żero. L-istess ammont għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa.

*Artikolu 40*
*Assi mhux suġġetti għal deprezzament*

L-assi li ġejjin ma għandhomx ikunu suġġetti għal deprezzament:

(a) assi tanġibbli fissi mhux suġġetti għall-kedd u l-ħruġ mill-użu bħalma huma l-art, l-arti, l-antikitajiet, jew il-ġojjellerija;

(b) assi finanzjarji.

*Artikolu 41*
*Deprezzament eċċezzjonali*

1. Jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, kontribwent juri li l-valur ta' ass fiss mhux suġġett għad-deprazzament ikun naqas b'mod permanenti fit-tmiem ta' sena fiskali, huwa jista' jnaqqas ammont daqs it-tnaqqis fil-valur. Madankollu, ma jista' jsir l-ebda tnaqqis bħal dan fir-rigward ta' assi li r-rikavat mid-diponiment tagħhom ikun eżentat.

2. Jekk il-valur ta' ass li jkun suġġett għal tali deprezzament eċċezzjonali f'sena fiskali preċedenti suċċessivament jiżdied, ammont ekwivalenti għaż-żieda għandu jiġi miżjud mal-bażi għat-taxxa fis-sena li tkun seħħet iż-żieda. Madankollu, kwalunkwe żieda jew żidiet bħal dawn, meħudin flimkien, ma għandhomx jaqbżu l-ammont tat-tnaqqis mogħti oriġinarjament.

*Artikolu 42*
*Preċiżjoni tal-kategoriji ta' assi fissi*

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 127 u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 128, 129 u 130 sabiex tiddefinixxi b'mod iżjed preċiż il-kategoriji ta' assi fissi msemmija f'dan il-Kapitolu.

# KAPITOLU VII

# TELF

*Artikolu 43*
*Telf*

1. It-telf magħmul f'sena fiskali minn kontribwent jew stabbiliment permanenti ta' kontribwent mhux residenti jista' jitnaqqas fi snin fiskali suċċessivi, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor minn din id-Direttiva.

2. Tnaqqis fil-bażi għat-taxxa minħabba telf minn snin fiskali preċedenti ma għandux jirriżulta f'ammont negattiv.

3. L-ewwel għandu jintuża l-eqdem telf.

# KAPITOLU VIII

# DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DĦUL U L-ĦRUĠ MIS-SISTEMA PREVISTA MINN DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 44*
*Regola ġenerali dwar ir-rikonoxximent u l-istima tal-assi u l-obbligazzjonijiet*

Meta kontribwent jagħżel li japplika s-sistema prevista minn din id-Direttiva, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha għandhom jiġu rikonoxxuti fil-valur tagħhom kif ikkalkulat skont ir-regoli fiskali nazzjonali immedjatament qabel id-data li fiha tibda tapplika s-sistema, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 45*
*Kwalifika ta' assi fissi għall-finijiet ta' deprezzament*

1. L-assi fissi li jidħlu fis-sistema prevista minn din id-Direttiva għandhom jiġu deprezzati skont l-Artikoli 32 sa 42.

2. Minkejja l-paragrafu 1, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin dwar id-deprezzament:

   (a) l-assi fissi li jkunu deprezzabbli b'mod individwali kemm skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva applikabbli għall-kontribwent kif ukoll skont ir-regoli tas-sistema għandhom jiġu deprezzati skont l-Artikolu 36(2);

   (b) l-assi fissi li kienu deprezzabbli b'mod individwali skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet tapplika qabel għall-kontribwent iżda mhux bir-regoli tas-sistema għandhom jidħlu fil-grupp ta' assi previst fl-Artikolu 39;

(c) l-assi fissi li kienu inklużi fi grupp ta' assi għall-finijiet ta' deprezzament skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet tapplika qabel għall-kontribwent, għandhom jidħlu fil-grupp ta' assi stipulat fl-Artikolu 39, anki jekk ikunu deprezzabbli b'mod individwali skont ir-regoli tas-sistema;

(d) l-assi fissi li ma kinux deprezzabbli jew li ma kinux deprezzati skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet tapplika qabel għall-kontribwent iżda li jkunu deprezzabbli bir-regoli tas-sistema għandhom jiġu deprezzati skont l-Artikolu 36(1) jew l-Artikolu 39, skont il-każ.

*Artikolu 46*
*Kuntratti fuq perjodu fit-tul mad-dħul fis-sistema*

Id-dħul u l-ispejjeż li skont l-Artikolu 24(2) u (3) jkunu kkunsidrati li ġew akkumulati jew li saru qabel ma l-kontribwent ikun għażel is-sistema prevista minn din id-Direttiva iżda li jkunu għadhom ma ġewx inklużi fil-bażi għat-taxxa skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet tapplika qabel għall-kontribwent għandhom jiżdiedu ma' jew jitnaqqsu mill-bażi għat-taxxa, kif meħtieġ, skont ir-regoli dwar it-tempiżmu tal-liġi nazzjonali.

Id-dħul li jkun ġie intaxxat skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva qabel ma l-kontribwent ikun daħal fis-sistema, f'ammont ogħla minn dak li kien jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa skont l-Artikolu 24(2) għandu jiġi mnaqqas mill-bażi għat-taxxa.

*Artikolu 47*
*Provvedimenti u tnaqqis mad-dħul fis-sistema*

1. Il-provvedimenti, il-provvedimenti tal-pensjoni u t-tnaqqis tad-dejn li ma jistax jinġabar previsti fl-Artikoli 25, 26 u 27 għandhom ikunu deduċibbli biss sakemm jirriżultaw minn attivitajiet jew tranżazzjonijiet imwettqa wara li l-kontribwent ikun daħal fis-sistema prevista minn din id-Direttiva.

2. L-ispejjeż li jkunu saru fir-rigward ta' attivitajiet jew tranżazzjonijiet imwettqa qabel ma l-kontribwent ikun daħal fis-sistema iżda li għalihom ma jkun sar l-ebda tnaqqis, għandhom ikunu deduċibbli.

3. L-ammonti li diġà jkunu tnaqqsu qabel id-dħul fis-sistema ma jistgħux jerġgħu jitnaqqsu.

*Artikolu 48*
*Telf ta' qabel id-dħul*

Meta kontribwent ikun ġarrab telf qabel daħal fis-sistema prevista minn din id-Direttiva, li seta' jiġi riportat skont il-liġi nazzjonali applikabbli iżda li jkun għadu ma ġiex paċut kontra l-profitti taxxabbli, dak it-telf jista' jitnaqqas mill-bażi għat-taxxa safejn previst skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 49*
*Regola ġenerali għall-ħruġ mis-sistema*

Meta kontribwent joħroġ mis-sistema prevista minn din id-Direttiva, l-assi u l-obbligazzjonijiet tiegħu għandhom jiġu rikonoxxuti skont il-valur tagħhom kif ikkalkulat skont ir-regoli tas-sistema, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 50*
*Assi fissi deprezzati fi grupp ta' assi*

Meta kontribwent joħroġ mis-sistema prevista minn din id-Direttiva, il-grupp ta' assi tiegħu taħt is-sistema prevista minn din id-Direttiva għandu jiġi rikonoxxut, għall-finijiet tar-regoli fiskali nazzjonali, bħala grupp wieħed ta' assi li għandu jiġi deprezzat bil-metodu tat-tnaqqis fil-bilanċ b'rata annwali ta' 25%.

*Artikolu 51*
*Kuntratti fuq perjodu fit-tul mal-ħruġ mis-sistema*

Wara li l-kontribwent joħroġ mis-sistema, id-dħul u l-ispejjeż li jirriżultaw minn kuntratti fit-tul għandhom jiġu ttrattati skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li tapplika wara. Madankollu, id-dħul u l-ispejjeż li diġà jkunu ġew ikkunsidrati għall-finijiet tat-taxxa fis-sistema prevista minn din id-Direttiva ma għandhomx jerġgħu jitqiesu.

*Artikolu 52*
*Provvedimenti u tnaqqis mal-ħruġ mis-sistema*

Wara li l-kontribwent joħroġ mis-sistema prevista minn din id-Direttiva, l-ispejjeż li diġà jkunu tnaqqsu skont l-Artikoli 25 sa 25 ma jistgħux jerġgħu jitnaqqsu.

*Artikolu 53*
*Telf mal-ħruġ mis-sistema*

It-telf imġarrab mill-kontribwent li jkun għadu ma ġiex paċut kontra l-profitti taxxabbli skont ir-regoli tas-sistema prevista minn din id-Direttiva għandhom jiġu riportati skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva.

# KAPITOLU IX

# KONSOLIDAMENT

*Artikolu 54*
*Sussidjarji li jikkwalifikaw*

1. Is-sussidjarji li jikkwalifikaw għandhom ikunu s-sussidjarji kollha immedjati u ta' livell aktar baxx li fihom il-kumpanija holding ikollha d-drittijiet li ġejjin:

(a) dritt li terżerċita iżjed minn 50% tad-drittijiet tal-vot;

(b) dritt ta' sjieda li jammonta għal iżjed minn 75% tal-kapital tal-kumpanija jew iżjed minn 75% tad-drittijiet li jagħtu dritt għall-profitt.

2. Sabiex jiġu kkalkulati l-limiti msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kumpaniji għajr is-sussidjarji immedjati tagħhom, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) ladarba jintlaħaq il-limitu tad-drittijiet tal-vot fir-rigward tas-sussidjarji immedjati u ta' livell anqas, il-kumpanija holding għandha titqies li għandha 100% ta' dawk id-drittijiet.

(b) id-dritt għall-profitt u s-sjieda tal-kapital għandhom jiġu kkalkulati billi jiġu mmultiplikati l-interessi miżmuma fis-sussidjarji intermedji f'kull livell. Id-drittijiet tas-sjieda li jammontaw għal 75% jew anqas miżmuma direttament jew indirettament mill-kumpanija holding, inklużi d-drittijiet f'kumpaniji residenti f'pajjiż terz, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkolazzjoni.

*Artikolu 55*
*Formazzjoni ta' grupp*

1. Kontribwent residenti għandu jifforma grupp ma':

(a) l-istabbilimenti permanenti tiegħu kollha li jinsabu fi Stati Membri oħra;

(b) l-istabbilimenti permanenti kollha li jinsabu fi Stat Membru tas-sussidjarji li jikkwalifikaw tiegħu residenti f'pajjiż terz;

(c) is-sussidjarji li jikkwalifikaw tiegħu kollha residenti fi Stat Membru wieħed jew aktar;

(d) kontribwenti residenti oħra li jkunu sussidjarji li jikkwalifikaw tal-istess kumpanija li tkun residenti f'pajjiż terz u tissodisfa l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 2(2)(a).

2. Kontribwent mhux residenti għandu jifforma grupp fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti tiegħu kollha li jinsabu fl-Istati Membri u s-sussidjarji li jikkwalifikaw tiegħu kollha residenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, inklużi l-istabbilimenti permanenti ta' dawn tal-aħħar li jinsabu fl-Istati Membri.

*Artikolu 56*
*Insolvenza*

Kumpanija f'insolvenza jew likwidazzjoni ma tistax issir membru ta' grupp. Kontribwent li fir-rigward tiegħu ssir dikjarazzjoni ta' insolvenza jew li jiġi likwidat għandu jitlaq mill-grupp immedjatament.

*Artikolu 57*
*Ambitu tal-konsolidament*

1. Il-bażijiet għat-taxxa tal-membri ta' grupp għandhom jiġu konsolidati.

2. Meta l-bażi għat-taxxa konsolidata tkun negattiva, it-telf għandu jiġi riportat u jiġi paċut kontra l-bażi għat-taxxa konsolidata pożittiva li jmiss. Meta l-bażi għat-taxxa konsolidata tkun pożittiva, din għandha tinqasam skont l-Artikoli 86 sa 102.

*Artikolu 58*
*Tempiżmu*

1. Il-limiti tal-Artikolu 54 iridu jintlaħqu matul is-sena fiskali kollha.

2. Minkejja l-paragrafu 1, kontribwent għandu jsir membru ta' grupp fid-data li fiha jintlaħqu l-limiti tal-Artikolu 54. Il-limiti jridu jintlaħqu għal mill-anqas disa' xhur konsekuttivi, u jekk dan ma jseħħx il-kontribwent għandu jiġi ttrattat daqs li kieku qatt ma sar membru tal-grupp.

*Artikolu 59*
*Eliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp*

1. Meta tiġi kkalkulata l-bażi għat-taxxa konsolidata, il-profitti u t-telf li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet imwettqa direttament bejn il-membri ta' grupp għandhom jiġu injorati.

2. Sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm tranżazzjoni fi ħdan il-grupp, iż-żewġ partijiet għat-tranżazzjoni jridu jkunu membri tal-grupp fil-ħin li ssir it-tranżazzjoni u jonqsu li jiġu rikonoxxuti d-dħul u l-ispejjeż assoċjati.

3. Il-gruppi għandhom japplikaw metodu konsistenti u dokumentat sewwa sabiex jirreġistraw it-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp. Il-gruppi jistgħu jibdlu l-metodu biss għal raġunijiet kummerċjali validi, fil-bidu ta' sena fiskali.

4. Il-metodu sabiex jiġu rreġistrati t-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp għandu jagħmilha possibbli li t-trasferimenti u l-bejgħ kollu fi ħdan il-grupp jiġu identifikati fl-iżjed livell baxx tal-prezz u l-valur għall-finijiet tat-taxxa.

*Artikolu 60*
*Taxxa minn ras il-għajn*

Ma għandha tiġi ċċarġjata l-ebda taxxa minn ras il-għajn fuq tranżazzjonijiet bejn il-membri ta' grupp.

# KAPITOLU X

# DĦUL U TLUQ MILL-GRUPP

*Artikolu 61*
*Assi fissi mad-dħul fil-grupp*

Meta kontribwent ikun is-sid ekonomiku ta' assi fissi mhux deprezzabbli jew assi fissi deprezzabbli b'mod individwali fid-data tad-dħul tiegħu fi grupp u xi membru tal-grupp jiddisponi minn wieħed minn dawn l-assi fi żmien ħames snin minn dik id-data, għandu jsir aġġustament fis-sena tad-disponiment għas-sehem imqassam tal-membru tal-grupp li kellu s-sjieda ekonomika fuq dawn l-assi fid-data tad-dħul. Ir-rikavat ta' tali disponiment għandu jiżdied ma' dak is-sehem u għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-assi mhux deprezzabbli u l-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-assi deprezzabbli.

Tali aġġustament għandu jsir ukoll fir-rigward tal-assi finanzjarji bl-eċċezzjoni tal-ishma f'impriżi affiljati, il-parteċipazzjonijiet u l-ishma proprji.

Jekk, b'riżultat tar-riorganizzazzjoni ta' negozju, il-kontribwent ma jibqax jeżisti jew ma jkollux aktar stabbiliment permanenti fl-Istat Membru li fih kien residenti fid-data tad-dħul tiegħu fil-grupp, huwa għandu jitqies li għandu stabbiliment permanenti hemmhekk għall-iskop tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 62*
*Kuntratti fuq perjodu fit-tul mad-dħul fil-grupp*

Id-dħul u l-ispejjeż li jkunu akkumulaw skont l-Artikoli 24(2) u (3) qabel ma kontribwent ikun daħal fil-grupp iżda li jkunu għadhom ma ġewx inklużi fil-kalkolazzjoni tat-taxxa skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa korporattiva għandhom jiżdiedu ma', jew jitnaqqsu mis-sehem imqassam skont ir-regoli dwar it-tempiżmu tal-liġi nazzjonali.

Id-dħul li jkun ġie intaxxat skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa korporattiva qabel ma kontribwent ikun daħal fil-grupp, f'ammont akbar minn dak li kien jiġi ċċarġjat skont l-Artikolu 24(2), għandu jitnaqqas mis-sehem imqassam.

*Artikolu 63*
*Provvedimenti u Tnaqqis mad-dħul fil-grupp*

L-ispejjeż koperti bl-Artikoli 25, 26 u 27, li jsiru b'rabta ma' attivitajiet jew tranżazzjonijiet imwettqa qabel ma kontribwent jidħol fil-grupp iżda li għalihom ma jkun sar l-ebda provvediment jew tnaqqis skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa korporattiva għandhom ikunu deduċibbli biss kontra s-sehem imqassam tal-kontribwent, sakemm ma jsirux iżjed minn ħames snin wara li l-kontribwent jidħol fil-grupp.

*Artikolu 64*
*Telf mad-dħul fil-grupp*

It-telf mhux ikkumpensat li jagħmel kontribwent jew stabbiliment permanenti skont ir-regoli ta' din id-Direttiva jew skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva qabel ma jidħol fi grupp ma jistax jiġi paċut kontra l-bażi għat-taxxa konsolidata. Tali telf għandu jiġi riportat u jista' jiġi paċut kontra s-sehem imqassam rispettivament skont l-Artikolu 43 jew skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li tkun tapplika għall-kontribwent fin-nuqqas tas-sistema prevista minn din id-Direttiva.

*Artikolu 65*
*Terminazzjoni ta' grupp*

Meta jispiċċa grupp, is-sena fiskali għandha titqies li ntemmet. Il-bażi għat-taxxa konsolidata u kwalunkwe telf mhux ikkumpensat tal-grupp għandu jiġi allokat lil kull membru tal-grupp skont l-Artikoli 86 sa 102, fuq il-bażi tal-fatturi tat-tqassim applikabbli għas-sena fiskali tat-terminazzjoni.

*Artikolu 66*
*Telf wara t-terminazzjoni tal-grupp*

Wara t-terminazzjoni tal-grupp, it-telf għandu jiġi ttrattat kif ġej:

(a) jekk il-kontribwent jibqa' fis-sistema prevista minn din id-Direttiva iżda mhux fi grupp, it-telf għandu jiġi riportat u jiġi paċut skont l-Artikolu 43;

(b) jekk il-kontribwent jissieħeb fi grupp ieħor, it-telf għandu jiġi riportat u jiġi paċut kontra s-sehem imqassam tiegħu;

(c) jekk il-kontribwent jitlaq mis-sistema, it-telf għandu jiġi riportat u jiġi paċut skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li ssir applikabbli, daqs li kieku dak it-telf ikun sar waqt li l-kontribwent kien suġġett għal dik il-liġi.

*Artikolu 67*
*Assi fissi mat-tluq mill-grupp*

Jekk assi fissi mhux deprezzabbli jew assi fissi deprezzabbli b'mod individwali, għajr dawk li jwasslu għal eżenzjoni mnaqqsa skont l-Artikolu 75, isir disponiment minnhom fi żmien tliet snin mit-tluq mill-grupp tal-kontribwent li jkollu s-sjieda ekonomika ta' dawn l-assi, ir-rikavat għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa konsolidata tal-grupp fis-sena tad-disponiment u għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-assi mhux deprezzabbli u l-valur għall-finijiet tat-taxxa, tal-assi deprezzabbli.

L-istess regola għandha tapplika għall-assi finanzjarji, bl-eċċezzjoni tal-ishma f'impriżi affiljati, il-parteċipazzjonijiet u l-ishma proprji.

Sakemm ir-rikavat mid-disponiment jiżdied mal-bażi għat-taxxa konsolidata tal-grupp, huwa ma għandux ikun taxxabbli mod ieħor.

*Artikolu 68*
*Assi intanġibbli ġġenerati mill-grupp innifsu*

Meta kontribwent li jkun is-sid ekonomiku ta' ass intanġibbli wieħed jew aktar iġġenerati mill-grupp innifsu jitlaq mill-grupp, ammont ugwali għall-ispejjeż magħmula fir-rigward ta' dawk l-assi għar-riċerka, l-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq u r-reklamar fil-ħames snin ta' qabel għandu jiġi miżjud mal-bażi għat-taxxa konsolidata tal-membri li jifdal tal-grupp. L-ammont miżjud ma għandux, madankollu, jaqbeż il-valur tal-assi mat-tluq tal-kontribwent mill-grupp. Dawk l-ispejjeż għandhom jiġu attribwiti lill-kontribwent li jitlaq u għandhom jiġi ttrattati skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li ssir applikabbli għall-kontribwent jew, jekk jibqa' fis-sistema prevista minn din id-Direttiva, skont ir-regoli ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 69*
*Telf mat-tluq mill-grupp*

Ma għandu jiġi attribwit l-ebda telf lil membru tal-grupp li jitlaq minn grupp.

# KAPITOLU XI

# RIORGANIZZAZZJONIJIET TAN-NEGOZJU

*Artikolu 70*
*Riorganizzazzjonijiet tan-negozju fi ħdan grupp*

1. Ir-riorganizzazzjoni tan-negozju fi ħdan grupp jew it-trasferiment tas-sede legali ta' kontribwent li jkun membru tal-grupp ma għandux iwassal għal profitti jew telf għall-iskopijiet biex tiġi determinata l-bażi għat-taxxa konsolidata. Għandu japplika l-Artikolu 59(3).

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta, b'riżultat ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jew ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet bejn il-membri ta' grupp fi żmien perjodu ta' sentejn, l-assi sostanzjalment kollha ta' kontribwent jiġu trasferiti fi Stat Membru ieħor u l-fattur tal-assi jinbidel b'mod sostanzjali, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin.

   Fil-ħames snin ta' wara t-trasferiment, l-assi trasferiti għandhom jiġu attribwiti lill-fattur tal-assi tal-kontribwent li jagħmel it-trasferiment sakemm membru tal-grupp jibqa' s-sid ekonomiku tal-assi. Jekk il-kontribwent ma jkunx għadu jeżisti jew ma jkunx għad għandu stabbiliment permanenti fl-Istat Membru li minnu ġew trasferiti l-assi, huwa għandu jitqies li għandu stabbiliment permanenti hemmhekk għall-iskop tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 71*
*Trattament tat-telf meta riorganizzazzjoni tan-negozju sseħħ bejn żewġ gruppi jew aktar*

1. Meta, b'riżultat ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, grupp wieħed jew aktar, jew żewġ membri jew aktar ta' grupp, isiru parti minn grupp ieħor, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat tal-grupp jew il-grupp eżistenti qabel għandu jiġi allokat lil kull wieħed

mill-membri tal-grupp tal-aħħar skont l-Artikoli 86 sa 102, fuq il-bażi tal-fatturi applikabbli għas-sena fiskali li fiha sseħħ ir-riorganizzazzjoni tan-negozju, u għandu jiġi riportat għas-snin futuri.

2. Meta żewġ kontribwenti prinċipali jew aktar jingħaqdu flimkien skont it-tifsira tal-Artikolu 2(a)(i) u (ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE[19], kwalunkwe telf mhux ikkumpensat ta' grupp għandu jiġi allokat lill-membri tiegħu skont l-Artikoli 86 sa 102, fuq il-bażi tal-fatturi applikabbli għas-sena fiskali li fiha sseħħ l-inkorporazzjoni, u għandu jiġi riportat għas-snin futuri.

# KAPITOLU XII

# NEGOZJATI BEJN IL-GRUPP U ENTITAJIET OĦRA

*Artikolu 72*
*Eżenzjoni bi progressjoni*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 75, id-dħul li huwa eżentat mit-taxxa skont l-Artikolu 11(c), (d) jew (e) jista' jitqies meta tiġi determinata r-rata tat-taxxa applikabbli għal kontribwent

*Artikolu 73*
*Klawsola ta' bdil*

L-Artikolu 11(c), (d) jew (e) ma għandux japplika meta l-entità li tkun għamlet id-distribuzzjoni tal-profitt, l-entità li tagħha jsir id-disponiment mill-ishma jew l-istabbiliment permanenti jkunu ġew soġġetti, fil-pajjiż ta' residenza tal-entità jew fil-pajjiż li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti, għal waħda minn dawn li ġejjin:

(a) taxxa fuq il-profitti, skont ir-reġim ġenerali f'dak il-pajjiż terz, b'rata statutorja ta' taxxa korporattiva iżjed baxxa minn 40% tar-rata tat-taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri;

(b) reġim speċjali f'dak il-pajjiż terz li jippermetti livell konsiderevolment iżjed baxx ta' tassazzjoni mir-reġim ġenerali.

Ir-rata tat-taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni kull sena. Hija għandha tiġi kkalkulata bħala medja aritmetika. Għall-iskop ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 81 u 82, l-emendi għar-rata għandhom japplikaw l-ewwel darba għall-kontribwenti fis-sena fiskali tagħhom li tibda wara l-emenda.

---

[19] ĠU L 310, 25.11.2009, p. 34.

*Artikolu 74*
*Komputazzjoni tad-dħul ta' stabbiliment permanenti*

Fejn l-Artikolu 73 japplika għad-dħul ta' stabbiliment permanenti f'pajjiż terz, id-dħul, l-ispejjeż u elementi deduċibbli oħra tiegħu għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli tas-sistema prevista minn din id-Direttiva.

*Artikolu 75*
*Rifjut ta' disponimenti ta' ishma eżentati*

Fejn, b'riżultat tad-disponiment ta' ishma, kontribwent jitlaq mill-grupp u dak il-kontribwent, fis-sena fiskali preżenti jew fis-snin fiskali preċedenti jkun akkwista, fi tranżazzjoni fi ħdan il-grupp, ass fiss wieħed jew aktar għajr l-assi deprezzati fi grupp, għandu jiġi eskluż mill-eżenzjoni ammont li jikkorrispondi għal dawk l-assi sakemm ma jintweriex li t-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp ikunu saru għal raġunijiet kummerċjali validi.

L-ammont eskluż mill-eżenzjoni għandu jkun il-valur tas-suq tal-ass jew tal-assi meta jiġu trasferiti, tnaqqas minnu l-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-assi jew l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 20 dwar l-assi fissi mhux suġġetti għal deprezzament.

Meta s-sid benefiċjarju tal-ishma li jkun sar disponiment minnhom ikun kontribwent mhux residenti jew mhux kontribwent, il-valur tas-suq tal-ass jew tal-assi meta trasferiti, tnaqqas minnu l-valur għal skopijiet ta' taxxa, għandu jitqies li ġie riċevut mill-kontribwent li kellu l-assi qabel it-tranżazzjoni fi ħdan il-grupp imsemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 76*
*Imgħax u drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali u kwalunkwe dħul ieħor intaxxat minn ras il-għajn*

1. Meta kontribwent jikseb dħul li jkun ġie intaxxat fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, għajr dħul li jkun eżentat skont l-Artikolu 11(c), (d) jew (e), għandu jiġi permess tnaqqis mill-obbligazzjoni tat-taxxa ta' dak il-kontribwent.

2. It-tnaqqis għandu jinqasam bejn il-membri ta' grupp skont il-formula applikabbli f'dik is-sena fiskali skont l-Artikoli 86 sa 102.

3. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkulat separatament għal kull Stat Membru jew pajjiż terz kif ukoll għal kull tip ta' dħul. Huwa ma għandux jaqbeż l-ammont li jirriżulta mis-soġġettar tad-dħul attribwit lil kontribwent jew lil stabbiliment permanenti għar-rata tat-taxxa korporattiva tal-Istat Membru ta' residenza tal-kontribwent jew fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti.

4. Meta jiġi kkalkulat it-tnaqqis, l-ammont tad-dħul għandu jitnaqqas bl-ispejjeż deduċibbli relatati, li għandhom jitqiesu bħala 2% tiegħu sakemm il-kontribwent ma jippruvax mod ieħor.

5. It-tnaqqis għall-obbligazzjoni tat-taxxa f'pajjiż terz ma jistax jaqbeż l-obbligazzjoni finali tat-taxxa korporattiva ta' kontribwent, sakemm ftehim konkluż bejn l-Istat Membru ta' residenza tiegħu u pajjiż terz ma jiddikjarax mod ieħor.

*Artikolu 77*
*Taxxa minn ras il-għajn*

L-imgħax u d-drittijiet imħallsa għall-użu ta' proprjetà minn kontribwent lil riċevitur barra l-grupp jistgħu jkunu suġġetti għal taxxa minn ras il-għajn fl-Istat Membru tal-kontribwent skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u kwalunkwe konvenzjoni applikabbli dwar it-taxxa doppja. It-taxxa minn ras il-għajn għandha tinqasam bejn l-Istati Membri skont il-formula applikabbli fis-sena fiskali li fiha tiġi ċċarġjata t-taxxa skont l-Artikoli 86 sa 102.

# KAPITOLU XIII

# TRANŻAZZJONIJIET BEJN INTRAPRIŻI ASSOĊJATI

*Artikolu 78*
*Intrapriżi assoċjati*

1. Jekk kontribwent jipparteċipa direttament jew indirettament fil-ġestjoni, il-kontroll jew il-kapital ta' mhux kontribwent, jew kontribwent li ma jkunx fl-istess grupp, iż-żewġ intrapriżi għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

Jekk l-istess persuni jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fil-ġestjoni, il-kontroll jew il-kapital ta' kontribwent u ta' mhux kontribwent, jew ta' kontribwenti li ma jkunux fl-istess grupp, il-kumpaniji kollha kkonċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

Kontribwent għandu jitqies bħala intrapriża assoċjata mal-istabbiliment permanenti tiegħu f'pajjiż terz. Kontribwent mhux residenti għandu jitqies bħala intrapriża assoċjati mal-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) parteċipazzjoni fil-kontroll għandha tfisser parteċipazzjoni li taqbeż 20% tad-drittijiet tal-vot;

(b) parteċipazzjoni fil-kapital għandha tfisser dritt ta' sjieda li jaqbeż 20% tal-kapital;

(c) parteċipazzjoni fil-ġestjoni għandha tfisser li tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fil-ġestjoni tal-intrapriża assoċjata;

(d) individwu, il-konjuġi tiegħu u l-axxendenti jew id-dixxendenti lineali tiegħu għandhom jiġu ttrattati bħala persuna waħda.

F'parteċipazzjonijiet indiretti, it-twettiq tar-rekwiżiti fil-punti (a) u (b) għandu jiġi stabbilit bil-multiplikazzjoni tar-rati ta' parteċipazzjoni tul il-livelli suċċessivi. Kontribwent li jkollu iżjed minn 50% tad-drittijiet tal-vot għandu jitqies li għandu 100%.

*Artikolu 79*
*Aġġustament tal-prezzijiet fir-relazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati*

Meta jsiru jew jiġu imposti kundizzjonijiet fir-relazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati li jkunu differenti minn dawk li kieku jsiru bejn intrapriżi indipendenti, kwalunkwe dħul li, kieku ma kienx għal dawk il-kundizzjonijiet, kien jakkumula għall-kontribwent, iżda li, minħabba dawk il-kundizzjonijiet, ma akkumulax b'dan il-mod, għandu jiġi inkluż fid-dħul ta' dak il-kontribwent u jiġi intaxxat kif meħtieġ.

# KAPITOLU XIV

# REGOLI KONTRA L-ABBUŻI

*Artikolu 80*
*Regola ġenerali kontra l-abbużi*

It-tranżazzjonijiet artifiċjali li jsiru għall-iskop biss li tiġi evitata t-taxxa għandhom jiġu injorati fil-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għal attivitajiet kummerċjali ġenwini fejn il-kontribwent ikun kapaċi jagħżel bejn żewġ tranżazzjonijiet jew aktar possibbli li jkollhom l-istess riżultat kummerċjali iżda li jipproduċu ammonti taxxabbli differenti.

*Artikolu 81*
*Nuqqas ta' permess tat-tnaqqis tal-imgħax*

1. L-imgħax imħallas lil intrapriża assoċjata residenti f'pajjiż terz ma għandux ikun deduċibbli meta ma jkunx hemm ftehim dwar skambju ta' informazzjoni komparabbli mal-iskambju ta' informazzjoni meta tintalab kif previst fid-Direttiva 2011/16/UE u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) it-taxxa fuq il-profitti tkun prevista, taħt ir-reġim ġenerali fil-pajjiż terz, b'rata ta' taxxa korporattiva statutorja iżjed baxxa minn 40% tar-rata tat-taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri;

   (b) l-intrapriża assoċjata tkun suġġetta għal reġim speċjali f'dak il-pajjiż terz li jippermetti livell konsiderevolment iżjed baxx ta' tassazzjoni minn dak tar-reġim ġenerali.

2. It-terminu "imgħax" ifisser dħul minn kull tip ta' klejm ta' dejn, assigurat u mhux b'ipoteka u jġorr jew le d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-profitti tad-debitur, u b'mod partikolari, id-dħul minn titoli u d-dħul minn bonds jew *debentures*, inklużi l-primjums u l-premji marbuta ma' dawn it-titoli, bonds jew *debentures*. L-imposti ta' penali għall-ħlas tard ma għandhomx jitqiesu bħala imgħax.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-imgħax imħallas lil entità residenti f'pajjiż terz li miegħu ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar skambju ta' informazzjoni komparabbli mal-iskambju ta' informazzjoni meta tintalab, kif previst fid-Direttiva 2011/16/UE,

għandu jkun deduċibbli f'ammont li ma jaqbiżx dak li jkun stipulat bejn intrapriżi indipendenti, meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont ta' dak l-imgħax ikun inkluż fil-bażi għat-taxxa bħala dħul tal-intrapriża assoċjata skont l-Artikolu 82;

(b) l-imgħax jitħallas lil kumpanija li l-klassi ta' ishma prinċipali tagħha tiġi nnegozjata b'mod regolari f'borża waħda jew aktar rikonoxxuti;

(c) l-imgħax jitħallas lil entità involuta, fil-pajjiż ta' residenza tagħha, fit-twettiq attiv ta' kummerċ jew negozju. Din għandha tinftiehem bħala intrapriża ekonomika indipendenti li ssir għall-profitt u li fil-kuntest tagħha l-uffiċjali u l-impjegati jwettqu attivitajiet maniġerjali u operattivi sostanzjali.

*Artikolu 82*
*Kumpaniji barranin ikkontrollati*

1. Il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-dħul mhux imqassam ta' entità residenti f'pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontribwent waħdu, jew flimkien mal-intrapriżi assoċjati tiegħu, ikollu parteċipazzjoni diretta jew indiretta ta' aktar minn 50% tad-drittijiet tal-vot, jew ikollu iżjed minn 50% tal-kapital jew ikollu d-dritt li jirċievi iżjed minn 50% tal-profitti ta' dik l-entità;

(b) bir-reġim ġenerali fil-pajjiż terz, il-profitti jkunu taxxabbli b'rata tat-taxxa korporattiva statutorja iżjed baxxa minn 40% tar-rata tat-taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri, jew l-entità tkun suġġetta għal reġim speċjali li jippermetti livell konsiderevolment aktar baxx ta' tassazzjoni minn dak tar-reġim ġenerali;

(c) aktar minn 30% tad-dħul li takkumula l-kumpanija jaqa' f'waħda jew aktar mill-kategoriji stipulati fil-paragrafu 3;

(d) il-kumpanija ma tkunx kumpanija, li l-klassi ta' ishma prinċipali tagħha tiġi negozjata b'mod regolari f'borża waħda jew aktar rikonoxxuti.

2. Paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-pajjiż terz ikun parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u jkun hemm ftehim dwar skamju ta' informazzjoni komparabbli mal-iskambju ta' informazzjoni meta tintalab, kif previst fid-Direttiva 2011/16/UE.

3. Il-kategoriji tad-dħul li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, sakemm iżjed minn 50 % tal-kategorija tad-dħul tal-entità jiġi minn tranżazzjonijiet mal-kontribwent jew l-intrapriżi assoċjati tiegħu:

(a) imgħax jew kwalunkwe dħul ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;

(b) drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali jew kwalunkwe dħul ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;

(c) dividendi u dħul mid-disponiment ta' ishma;

(d) dħul minn proprjetà mobbli;

(e) dħul minn proprjetà immobbli, sakemm l-Istat Membru tal-kontribwent ma jkunx intitolat li jintaxxa d-dħul skont ftehim konkluż ma' pajjiż terz;

(f) dħul minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, attivitajiet bankarji u attivitajiet finanzjarji oħra.

*Artikolu 83*
*Komputazzjoni*

1. Id-dħul li għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat skont ir-regoli tal-Artikoli 9 sa 15. It-telf tal-entità barranija ma għandux jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa iżda għandu jiġi riportat u kkunsidrat meta jiġi applikat l-Artikolu 82 fi snin suċċessivi.

2. Id-dħul li għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali mad-dritt tal-kontribwent għal sehem fil-profitti tal-entità barranija.

3. Id-dħul għandu jiġi inkluż fis-sena fiskali li fiha tintemm is-sena fiskali tal-entità barranija.

4. Meta l-entità barranija suċċessivament tqassam il-profitti lill-kontribwent, l-ammonti tad-dħul inkluż qabel fil-bażi għat-taxxa skont l-Artikolu 82 għandu jitnaqqas mill-bażi għat-taxxa meta tiġi kkalkulata l-obbligazzjoni għat-taxxa tal-kontribwent fuq id-dħul imqassam.

5. Jekk il-kontribwent jiddisponi mill-parteċipazzjoni tiegħu fl-entità, ir-rikavat għandu jitnaqqas, għall-iskopijiet sabiex tiġi kkalkulata l-obbligazzjoni tal-kontribwent għat-taxxa fuq dak ir-rikavat, bi kwalunkwe ammonti mhux distribwiti li diġà jkunu ġew inklużi fil-bażi għat-taxxa.

# KAPITOLU XV

# ENTITAJIET TRASPARENTI

*Artikolu 84*
*Regoli sabiex jiġi allokat id-dħul ta' entitajiet trasparenti lil kontribwenti li jkollhom interess*

1. Meta entità tiġi ttrattata bħala trasparenti fl-Istat Membru fejn tkun qiegħda, kontribwent li jkollu interess fl-entità għandu jinkludi s-sehem tiegħu fid-dħul tal-entità fil-bażi għat-taxxa tiegħu. Għall-iskop ta' din il-kalkolazzjoni, id-dħul għandu jiġi kkalkolat skont ir-regoli ta' din id-Direttiva.

2. It-tranżazzjonijiet bejn kontribwent u l-entità għandhom jiġu injorati b'mod proporzjonali mas-sehem tal-kontribwent fl-entità. Għalhekk, id-dħul tal-kontribwent derivat minn tali tranżazzjonijiet għandu jitqies bħala proporzjon tal-ammont li jkun

maqbul bejn intrapriżi indipendenti fuq bażi ta' distakkament li jikkorrispondi għassjieda tal-parti terza fl-entità.

3. Il-kontribwent għandu jkollu d-dritt għall-ħelsien mit-taxxa doppja skont l-Artikolu 76(1),(2),(3) u (5).

*Artikolu 85*
*Regoli sabiex tiġi stabbilita t-trasparenza fil-każ tal-entitajiet ta' pajjiżi terzi*

Meta entità tkun tinsab f'pajjiż terz, il-kwistjoni ta' jekk hijiex trasparenti jew le għandha tiġi determinata skont il-liġi tal-Istat Membru tal-kontribwent. Jekk mill-anqas żewġ membri tal-grupp ikollhom interess fl-istess entità li tinsab f'pajjiż terz, it-trattament ta' din tal-aħħar għandu jiġi determinat bi qbil komuni bejn l-Istati Membri rilevanti. Jekk ma jkunx hemm ftehim, għandha tiddeċiedi l-awtorità fiskali prinċipali.

# KAPITOLU XVI

# TQASSIM TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA KONSOLIDATA

*Artikolu 86*
*Prinċipji ġenerali*

1. Il-bażi għat-taxxa konsolidata għandha tinqasam bejn il-membri tal-grupp f'kull sena fiskali fuq il-bażi ta' formula għat-tqassim. Sabiex tistabbilixxi s-sehem imqassam ta' membru tal-grupp A, il-formula għandha tieħu l-forma li ġejja, billi tagħti piż indaqs lill-fatturi tal-bejgħ, tal-ħaddiema u tal-assi:

$$\text{Share A} = \left( \frac{1}{3}\frac{\text{Sales}^{A}}{\text{Sales}^{\text{Group}}} + \frac{1}{3}\left( \frac{1}{2}\frac{\text{Payroll}^{A}}{\text{Payroll}^{\text{Group}}} + \frac{1}{2}\frac{\text{No of employees}^{A}}{\text{No of employees}^{\text{Group}}} \right) + \frac{1}{3}\frac{\text{Assets}^{A}}{\text{Assets}^{\text{Group}}} \right) * \text{Con'd Tax Base}$$

2. Il-bażi għat-taxxa konsolidata ta' grupp għandha tinqasam biss meta tkun pożittiva.

3. Il-kalkoli għall-qsim tal-bażi għat-taxxa konsolidata għandhom isiru fl-aħħar tas-sena fiskali tal-grupp.

4. Perjodu ta' 15-il jum jew aktar f'xahar kalendarju għandu jitqies bħala xahar sħiħ.

*Artikolu 87*
*Klawsola ta' salvagwardja*

F'eċċezzjoni għar-regola stabbilita fl-Artikolu 86, jekk il-kontribwent ewlieni jew awtorità kompetenti tqis li l-eżitu tat-tqassim lil membru tal-grupp ma jirrappreżentax b'mod ġust il-livell ta' attività tan-negozju ta' dak il-membru tal-grupp, il-kontribwent ewlieni jew l-awtorità kkonċernata tista' titlob l-użu ta' metodu alternattiv. Jekk, wara konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u, fejn applikabbli, diskussjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 132, dawn l-awtoritajiet kollha jaqblu dwar il-metodu alternattiv, dan għandu jintuża. L-Istat Membru

tal-awtorità tat-taxxa ewlenija għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu alternattiv użat.

*Artikolu 88*
*Dħul u ħruġ mill-grupp*

Meta kumpanija tidħol fi jew titlaq minn grupp matul sena fiskali, is-sehem imqassam tagħha għandu jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali billi jitqies in-numru ta' xhur tal-kalendarju li fihom il-kumpanija kienet tagħmel parti mill-grupp fis-sena fiskali.

*Artikolu 89*
*Entitajiet trasparenti*

Meta kontribwent ikollu interess f'entità trasparenti, il-fatturi użati fil-kalkolazzjoni tas-sehem imqassam tiegħu għandhom jinkludu l-bejgħ, il-pagi u l-assi tal-entità trasparenti, b'mod proporzjonali mal-parteċipazzjoni tal-kontribwent fil-profitti u t-telf tagħha.

*Artikolu 90*
*Kompożizzjoni tal-fattur tal-ħaddiema*

1. Il-fattur tal-ħaddiema għandu jikkonsisti, nofsu mill-ammont totali tal-pagi ta' membru tal-grupp bħala n-numeratur tiegħu u l-ammont totali tal-pagi tal-grupp bħala d-denominatur tiegħu, u n-nofs l-ieħor, min-numru ta' impjegati ta' membru tal-grupp bħala n-numeratur tiegħu u n-numru ta' impjegati tal-grupp bħala d-denominatur tiegħu. Meta impjegat individwali jiġi inkluż fil-fattur tal-ħaddiema ta' membru tal-grupp, l-ammont ta' paga relatata ma' dak l-impjegat għandha tiġi allokata wkoll lill-fattur tal-ħaddiema ta' dak il-membru tal-grupp.

2. In-numru ta' impjegati għandu jitkejjel fl-aħħar tas-sena fiskali.

3. Id-definizzjoni ta' impjegat għandha tiġi stabbilita mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn jiġi eżerċitat l-impjieg.

*Artikolu 91*
*Allokazzjoni tal-impjegati u l-pagi*

1. L-impjegati għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-ħaddiema tal-membru tal-grupp li mingħandu jirċievu l-paga.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn l-impjegati jeżerċitaw fiżikament l-impjieg tagħhom taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' membru tal-grupp li ma jkunx dak li mingħandu jirċievu l-paga, dawk l-impjegati u l-ammont ta' paga relatata magħhom għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-ħaddiema tal-ewwel membru tal-grupp.

   Din ir-regola għandha tapplika biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) dan l-impjieg idum għal perjodu mhux interrott ta' mill-anqas tliet xhur;

(b) dawn l-impjegati jirrappreżentaw mill-anqas 5% tan-numru globali ta' impjegati tal-membru tal-grupp li mingħandu jirċievu l-paga.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-impjegati għandhom jinkludu persuni li, minkejja li ma jkunux impjegati direttament minn membru tal-grupp, jagħmlu xogħlijiet simili għal dawk imwettqa mill-impjegati.

4. It-terminu "pagi" għandu jinkludi l-prezz tas-salarji, il-pagi, il-bonusijiet u kull kumpens ieħor għall-ħaddiema, inklużi l-ispejjeż relatati tal-pensjoni u s-sigurtà soċjali li jerfa' l-impjegatur.

5. L-ispejjeż tal-pagi għandhom jiġu stmati fl-ammont ta' dawk l-ispejjeż li jiġu trattati bħala deduċibbli mill-impjegatur f'sena fiskali.

*Artikolu 92*
*Kompożizzjoni tal-fattur tal-assi*

1. Il-fattur tal-assi għandu jikkonsisti mill-valur medju tal-assi tanġibbli fissi kollha proprjetà ta' jew mikrija minn membru tal-grupp bħala n-numeratur tiegħu u l-valur medju tal-assi tanġibbli fissi kollha proprjetà ta' jew jew mikrija mill-grupp bħala d-denominatur tiegħu.

2. Fil-ħames snin li jsegwu d-dħul ta' kontribwent fi grupp eżistenti jew ġdid, il-fattur tal-assi tiegħu għandu jinkludi wkoll l-ammont totali ta' spejjeż magħmula għar-riċerka, l-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq u r-reklamar mill-kontribwent matul is-sitt snin ta' qabel id-dħul tiegħu fil-grupp.

*Artikolu 93*
*Allokazzjoni tal-assi*

1. Ass għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tas-sid ekonomiku tiegħu. Jekk is-sid ekonomiku ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-ass għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tas-sid legali.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk ass fil-fatt ma jintużax mis-sid ekonomiku tiegħu, l-ass għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-membru tal-grupp li fil-fatt juża l-ass. Madankollu, din ir-regola għandha tapplika biss għal assi li jirrappreżentaw iżjed minn 5% tal-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-assi tanġibbli fissi kollha tal-membru tal-grupp li fil-fatt juża l-ass.

3. Ħlief fil-każ ta' kirjiet (*leases*) bejn membri tal-grupp, l-assi mikrija għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-assi tal-membru tal-grupp li jkun is-sid jew il-kerrej tal-ass. L-istess għandu japplika għall-assi mikrija (*rented*).

*Artikolu 94*
*Stima*

1. L-art u assi tanġibbli fissi mhux deprezzabbli oħra għandhom jiġu stmati fil-prezz oriġinali tagħhom.

2. Ass tanġibbli fiss deprezzabbli b'mod individwali għandu jiġi stmat fil-medja tal-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa fil-bidu u fl-aħħar ta' sena fiskali.

Meta, b'riżultat ta' tranżazzjoni waħda jew aktar fi ħdan il-grupp, ass tanġibbli fiss deprezzabbli b'mod individwali jiġi inkluż fil-fattur tal-assi ta' membru tal-grupp għal inqas minn sena fiskali, il-valur li jrid jiġi kkunsidrat għandu jiġi kkalkulat billi jitqies l-ammont totali ta' xhur.

3. Il-grupp ta' assi fissi għandu jiġi stmat fil-medja tal-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa fil-bidu u fl-aħħar ta' sena fiskali.

4. Meta l-kerrej (*renter* jew *lessee*) ta' ass ma jkunx is-sid ekonomiku tiegħu, huwa għandu jistma l-assi mikrija (*rented* jew *leased*) fi tmien darbiet il-ħlas annwali nett dovut tar-kiri (*rental* jew *lease*), u jitnaqqsu kwalunkwe ammonti riċevibbli minn sottokirjiet (*sub-rentals* jew *sub-leases*).

Meta membru tal-grupp jikri (*rents out* jew *leases*) ass iżda ma jkunx is-sid ekonomiku tiegħu, huwa għandu jistma l-assi mikrija (*rented* jew *leased*) fi tmien darbiet il-ħlas annwali nett dovut tar-kiri (*rental* jew *lease*).

5. Meta, wara trasferiment fi ħdan il-grupp fl-istess sena fiskali jew fis-sena fiskali ta' qabel, membru tal-grupp ibigħ ass barra mill-grupp, l-ass għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tal-membru tal-grupp li jagħmel it-trasferiment għall-perjodu bejn it-trasferiment fi ħdan il-grupp u l-bejgħ barra mill-grupp. Din ir-regola ma għandhiex tapplika fejn il-membri kkonċernati tal-grupp juru li t-trasferiment fi ħdan il-grupp ikun sar għal raġunijiet kummerċjali ġenwini.

*Artikolu 95*
*Kompożizzjoni tal-fattur tal-bejgħ*

1. Il-fattur tal-bejgħ għandu jikkonsisti mill-bejgħ totali ta' membru tal-grupp (inkluż stabbiliment permanenti li jkun meqjus li jeżisti bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) bħala n-numeratur tiegħu u l-bejgħ totali tal-grupp bħala d-denominatur tiegħu.

2. Bejgħ għandu jfisser ir-rikavat tal-bejgħ kollu ta' prodotti u fornimenti ta' servizzi wara l-iskontijiet u l-profitti, esklużi t-taxxa fuq il-valur miżjud, taxxi u dazji oħra. Id-dħul eżentat, l-imgħax, id-dividendi, id-drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali u r-rikavat mid-disponiment ta' assi fissi ma għandhomx jiġu inklużi fil-fattur tal-bejgħ, sakemm ma jkunx dħul miksub matul il-kors ordinarju tan-negozju jew in-negozju. Il-bejgħ ta' prodotti u l-fornimenti ta' servizzi fi ħdan il-grupp ma għandhomx jiġu inklużi.

3. Il-bejgħ għandu jiġi stmat skont l-Artikolu 22.

*Artikolu 96*
*Bejgħ skont id-destinazzjoni*

1. Il-bejgħ ta' prodotti għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membru tal-grupp li jkun jinsab fl-Istat Membru fejn jispiċċaw il-kunsinna jew it-trasport tal-prodotti lill-

persuna li tiksibhom. Jekk dan il-post ma jkunx identifikabbli, il-bejgħ tal-prodotti għandu jiġi attribwit lill-membru tal-grupp li jkun jinsab fl-Istat Membru tal-aħħar post identifikabbli tal-prodotti.

2. Il-fornimenti ta' servizzi għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-bejgħ tal-membru tal-grupp li jkun jinsab fl-Istat Membru fejn jitwettqu fiżikament is-servizzi.

3. Meta d-dħul eżentat, l-imgħax, id-dividendi u d-drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà intellettwali u r-rikavat mid-disponiment ta' assi jiġu inklużi fil-fattur tal-bejgħ, huma għandhom jiġu attribwiti lill-benefiċjarju.

4. Jekk ma jkunx hemm membru tal-grupp fl-Istat Membru fejn jitwasslu l-prodotti jew jitwettqu s-servizzi, jew jekk il-prodotti jiġu kkonsenjati jew is-servizzi jitwettqu f'pajjiż terz, il-bejgħ għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membri kollha tal-grupp b'mod proporzjonali mal-fatturi tagħhom tal-ħaddiema u tal-assi.

5. Jekk ikun hemm iżjed minn membru wieħed tal-grupp fl-Istat Membru fejn jiġu kkonsenjati l-prodotti jew jitwettqu s-servizzi, il-bejgħ għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membri kollha tal-grupp li jkunu jinsabu f'dak l-Istat Membru, b'mod proporzjonali mal-fatturi tagħhom tal-ħaddiema u tal-assi.

*Artikolu 97*
*Regoli dwar il-kalkolazzjoni tal-fatturi*

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-kalkolazzjoni tal-fatturi tal-ħaddiema, tal-assi u tal-bejgħ, l-allokazzjoni tal-impjegati u l-pagi, l-assi u l-bejgħ lill-fattur rispettiv u l-istima tal-assi. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 131(2).

*Artikolu 98*
*Istituzzjonijiet finanzjarji*

1. L-entitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji:

   (a) istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati biex joperaw fl-Unjoni skont id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20];

   (b) entitajiet, għajr l-impriżi tal-assigurazzjoni kif definiti fl-Artikolu 99, li jkollhom assi finanzjarji li jammontaw għal 80% jew aktar tal-assi fissi kollha tagħhom, kif stmati skont ir-regoli ta' din id-Direttiva.

2. Il-fattur tal-assi ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi 10% tal-valur tal-assi finanzjarji, ħlief għall-parteċipazzjonijiet u l-ishma proprji. L-assi finanzjarji għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-assi tal-membru tal-grupp fil-kotba li tagħhom kienu ġew irreġistrati meta sar membru tal-grupp.

3. Il-fattur tal-bejgħ ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi 10% tad-dħul tagħha fil-forma ta' imgħax, tariffi, kummissjonijiet u dħul minn titoli, esklużi t-taxxa fuq il-

[20] ĠU L 177, 30.06.2006, p. 1.

valur miżjud, taxxi u dazji oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 96(2), is-servizzi finanzjarji għandhom jitqiesu li jitwettqu, fil-każ ta' self assigurat, fl-Istat Membru li fih ikun jinsab it-titolu ta' sigurtà jew, jekk dan l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-Istat Membru li fih ikun irreġistrat it-titolu. Servizzi finanzjarji oħra għandhom jitqiesu li jitwettqu fl-Istat Membru tad-debitur jew tal-persuna li tħallas it-tariffi, kummissjonijiet jew dħul ieħor. Jekk id-debitur jew il-persuna li tħallas it-tariffi, kummissjonijiet jew dħul ieħor ma tkunx tista' tiġi identifikata jew jekk ma jkunx jista' jiġi identifikat l-Istat Membru li fih ikun jinsab jew irreġistrat it-titolu, il-bejgħ għandu jiġi attribwit lill-membri kollha tal-grupp b'mod proporzjonali mal-fatturi tagħhom tal-ħaddiema u tal-assi.

*Artikolu 99*
*Impriżi tal-assigurazzjoni*

1. It-terminu "impriżi tal-assigurazzjoni" għandu jfisser dawk l-impriżi awtorizzati biex joperaw fl-Istati Membri skont id-Direttiva 73/239/KEE għall-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, 2002/83/KE għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja u d-Direttiva 2005/68/KE għar-riassigurazzjoni.

2. Il-fattur tal-assi tal-impriżi tal-assigurazzjoni għandu jinkludi 10% tal-valur tal-assi finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 98(2).

3. Il-fattur tal-bejgħ tal-impriżi tal-assigurazzjoni għandu jinkludi 10% tal-primjums maqlugħa, wara li titħallas ir-riassigurazzjoni, il-profitti allokati tal-investiment trasferiti mill-kont mhux tekniku, dħul tekniku ieħor, wara li titħallas ir-riassigurazzjoni, u d-dħul mill-investiment, tariffi u kummissjonijiet, esklużi t-taxxa fuq il-valur miżjud, taxxi u dazji oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 96(2), is-servizzi tal-assigurazzjoni għandhom jitqiesu li jitwettqu fl-Istat Membru tad-detentur tal-polza. Bejgħ ieħor għandu jiġi attribwit lill-membri kollha tal-grupp b'mod proporzjonali mal-fatturi tagħhom tal-ħaddiema u tal-assi.

*Artikolu 100*
*Żejt u gass*

Minkejja l-Artikolu 96(1), (2) u (3), il-bejgħ ta' membru tal-grupp li n-negozju prinċipali tiegħu jkun fil-qasam tal-esplorazzjoni jew il-produzzjoni taż-żejt jew il-gass għandu jiġi attribwit lill-membru tal-grupp fl-Istat Membru fejn irid jiġi estratt jew prodott iż-żejt jew il-gass.

Minkejja l-Artikolu 96(4) u (5), jekk ma jkun hemm l-ebda membru tal-grupp fl-Istat Membru tal-esplorazzjoni jew il-produzzjoni taż-żejt jew il-gass jew l-esplorazzjoni jew il-produzzjoni sseħħ f'pajjiż terz fejn il-membru tal-grupp li jwettaq l-esplorazzjoni jew il-produzzjoni taż-żejt jew il-gass ma jkollux stabbiliment permanenti, il-bejgħ għandu jiġi attribwit lil dak il-membru tal-grupp.

*Artikolu 101*
*Tbaħħir, trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma u trasport bl-ajru*

Id-dħul, l-ispejjeż u elementi deduċibbli oħra ta' membru ta' grupp li n-negozju prinċipali tiegħu jkun it-tħaddim ta' vapuri jew inġenji tal-ajru fit-traffiku internazzjonali jew it-tħaddim ta' dgħajjes involuti fit-trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma, għandhom jitqassmu skont il-formula msemmija fl-Artikolu 86 iżda għandhom jiġu attribwiti lil dak il-membru tal-grupp. Tali membru tal-grupp għandu jiġi eskluż mill-kalkolazzjoni tal-formula tat-tqassim.

*Artikolu 102*
*Elementi deduċibbli kontra s-sehem imqassam*

Is-sehem imqassam għandu jiġi aġġustat bl-elementi li ġejjin:

(a) it-telf mhux ikkumpensat li jkun għamel kontribwent qabel ma daħal fis-sistema prevista minn din id-Direttiva, kif ipprovdut fl-Artikolu 64;

(b) it-telf mhux ikkumpensat li jkun sar fil-livell tal-grupp, kif ipprovdut fl-Artikolu 64 flimkien mal-Artikolu 66(b) u fl-Artikolu 71;

(c) l-ammonti relatati mad-disponiment ta' assi fissi kif stipulat fl-Artikolu 61, id-dħul u l-ispejjeż relatati mal-kuntratti fuq perjodu fit-tul kif stipulat fl-Artikolu 62 u l-ispejjeż futuri kif stipulat fl-Artikolu 63;

(d) Fil-każ tal-impriżi tal-assigurazzjoni, id-dispożizzjonijiet tekniċi fakultattivi kif stipulat fl-Artikolu 30(c);

(e) it-taxxi elenkati fl-Anness III fejn ikun stipulat tnaqqis skont ir-regoli nazzjonali.

*Artikolu 103*
*Obbligazzjoni ta' taxxa*

L-obbligazzjoni ta' taxxa ta' kull membru tal-grupp għandha tkun ir-riżultat tal-applikazzjoni tar-rata tat-taxxa nazzjonali għas-sehem imqassam, aġġustata skont l-Artikolu 102, u mnaqqsa ulterjorment bit-tnaqqis previst fl-Artikoli 76.

# KAPITOLU XVII

# AMMINISTRAZZJONI U PROĊEDURI

*Artikolu 104*
*Avviż tal-għażla*

1. Kontribwent waħdieni għandu jagħżel is-sistema prevista minn din id-Direttiva billi javża lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew, fir-rigward ta' stabbiliment permanenti ta' kontribwent mhux residenti, fejn ikun jinsab dak l-istabbiliment. Fil-każ ta' grupp, il-kontribwent prinċipali għandu javża, f'isem il-grupp, lill-awtorità fiskali prinċipali.

Avviż bħal dan għandu jingħata mill-anqas tliet xhur qabel il-bidu tas-sena fiskali li fiha l-kontribwent jew il-grupp ikun jixtieq jibda japplika s-sistema.

2. L-avviż tal-għażla għandu jkopri l-membri kollha tal-grupp. Madankollu, kumpaniji tat-tbaħħir suġġetti għal reġim ta' tassazzjoni speċjali jistgħu jiġu esklużi mill-grupp.

3. L-awtorità fiskali prinċipali għandha tikkomunika immedjatament l-avviż tal-għażla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom ikunu residenti jew stabbiliti l-membri tal-grupp. Dawk l-awtoritajiet jistgħu jissottomettu lill-awtorità fiskali prinċipali, fi żmien xahar mit-trażmissjoni, il-veduti tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-validità u l-ambitu tal-avviż tal-għażla.

*Artikolu 105*
*Terminu ta' Grupp*

1. Meta jiġi aċċettat l-avviż tal-għażla, kontribwent waħdieni jew grupp, skont kif ikun il-każ, jistgħu japplikaw is-sistema stipulata f'din id-Direttiva għal ħames snin fiskali. Wara li jiskadi dak it-terminu inizjali, il-kontribwent waħdieni jew il-grupp għandhom ikomplu japplikaw is-sistema għal termini suċċessivi ta' tliet snin fiskali sakemm ma jagħtux avviż ta' tmiem. Avviż ta' tmiem jista' jingħata minn kontribwent lill-awtorità kompetenti tiegħu jew, fil-każ ta' grupp, mill-kontribwent prinċipali lill-awtorità fiskali prinċipali fit-tliet xhur li jippreċedu t-tmiem tat-terminu inizjali jew ta' terminu suċċessiv.

2. Meta kontribwent jew mhux kontribwent jissieħeb fi grupp, it-terminu tal-grupp ma għandux jiġi affettwat. Meta grupp jissieħeb ma' grupp ieħor jew żewġ gruppi jew aktar jingħaqdu flimkien, il-grupp imkabbar għandu jkompli japplika s-sistema sal-aħħar data ta' skadenza tat-termini tal-grupp, sakemm ċirkustanzi eċċezzjonali ma jagħmluhx aktar xieraq li jiġi applikat perjodu iqsar.

3. Meta kontribwent jitlaq minn grupp jew jispiċċa grupp, il-kontribwent jew il-kontribwenti għandhom ikomplu japplikaw is-sistema għall-bqija tat-terminu kurrenti tal-grupp.

*Artikolu 106*
*Informazzjoni fl-avviż tal-għażla*

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fl-avviż tal-għażla:

(a) l-identifikazzjoni tal-kontribwent jew tal-membri tal-grupp;

(b) fir-rigward ta' grupp, prova tat-twettiq tal-kriterji stipulati fl-Artikoli 54 u 55;

(c) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe intrapriża assoċjata kif imsemmija fl-Artikoli 78;

(d) il-forma legali, is-sede statutorja u l-post ta' ġestjoni effettiva tal-kontribwenti;

(e) is-sena fiskali li għandha tiġi applikata.

Il-Kummissjoni tista' tadotta att li jistabbilixxi forma standard tal-avviż tal-għażla. Dak l-att implimentattiv għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 131(2).

*Artikolu 107*
*Kontroll tal-avviż tal-għażla*

1. L-awtorità kompetenti li lilha jintbagħat b'mod validu l-avviż għandha teżamina jekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni kontenuta fl-avviż, il-grupp jissodisfax ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sakemm l-avviż ma jiġix rifjutat fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tiegħu, huwa għandu jitqies li jkun ġie aċċettat.

2. Sakemm il-kontribwent ikun żvela kompletament l-informazzjoni kollha rilevanti skont l-Artikolu 106, kwalunkwe sejba sussegwenti li l-lista żvelata ta' membri tal-grupp ma tkunx korretta ma għandhiex tinvalida l-avviż tal-għażla. L-avviż għandu jiġi korrett, u għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji l-oħra kollha, mill-bidu tas-sena fiskali meta ssir is-sejba. Meta ma jkunx sar kxif sħiħ, l-awtorità fiskali prinċipali, bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati, tista' tinvalida l-avviż oriġinali tal-għażla.

*Artikolu 108*
*Sena fiskali*

1. Il-membri kollha ta' grupp għandhom ikollhom l-istess sena fiskali.

2. Fis-sena li fiha jissieħeb ma' grupp eżistenti, kontribwent għandu jġib is-sena fiskali tiegħu taqbel ma' dik tal-grupp. Is-sehem imqassam tal-kontribwent għal dik is-sena fiskali għandu jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali billi jitqies in-numru ta' xhur kalendarji li matulhom il-kumpanija kienet tagħmel parti mill-grupp.

3. Is-sehem imqassam ta' kontribwent għas-sena li fiha jitlaq mill-grupp għandu jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali billi jitqiesu n-numru ta' xhur kalendarji li matulhom il-kumpanija kienet tagħmel parti mill-grupp.

4. Meta kontribwent waħdieni jissieħeb fi grupp, huwa għandu jiġi ttrattat daqs li kieku s-sena fiskali tiegħu spiċċat fil-jum ta' qabel is-sħubija.

*Artikolu 109*
*Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa*

1. Kontribwent waħdieni għandu jibgħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa tiegħu lill-awtorità kompetenti.

   Fil-każ ta' grupp, il-kontribwent prinċipali għandu jibgħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata tal-grupp lill-awtorità fiskali prinċipali.

2. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala stima tal-obbligazzjoni tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprovdi li dikjarazzjoni tat-taxxa għandha l-istatus legali ta' stima tat-taxxa u għandha tiġi ttrattata bħala strument li jippermetti l-infurzar tad-djun fiskali, id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata għandu jkollha l-istess effett fir-rigward ta' membru tal-grupp suġġett għat-taxxa f'dak l-Istat Membru.

3. Fejn id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata ma jkollhiex l-istatus legali ta' stima tat-taxxa għall-finijiet tal-infurzar ta' dejn fiskali, l-awtorità kompetenti tista', fir-rigward ta' membru tal-grupp li jkun residenti jew sitwat hemmhekk, toħroġ strument tal-liġi nazzjonali li jawtorizza l-infurzar fl-Istat Membru. Dak l-istrument għandu jinkorpora d-dejta fid-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata dwar il-membru tal-grupp. Għandhom ikunu permessi appelli kontra l-istrument minħabba raġunijiet biss ta' forma u mhux tal-istima sottostanti. Il-proċedura għandha tiġi rregolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

4. Fejn stabbiliment permanenti jkun meqjus li jeżisti skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 61, il-kontribwent prinċipali għandu jkun responsabbli għall-obbligi proċedurali kollha relatati mat-tassazzjoni ta' tali stabbiliment permanenti.

5. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' kontribwent waħdieni għandha tintbagħat fil-perjodu stabbilit fil-liġi tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew li fih ikollu stabbiliment permanenti. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata għandha tintbagħat fid-disa' xhur li jsegwu t-tmiem tas-sena fiskali.

*Artikolu 110*
*Kontenut tad-dikjarazzjoni tat-taxxa*

1. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' kontribwent waħdieni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-kontribwent;

(b) is-sena fiskali li tagħha tkun d-dikjarazzjoni tat-taxxa;

(c) il-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa;

(d) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe intrapriża assoċjata kif imsemmija fl-Artikolu 78.

2. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-kontribwent prinċipali;

(b) l-identifikazzjoni tal-membri kollha tal-grupp;

(c) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe intrapriża assoċjata kif imsemmija fl-Artikolu 78;

(d) is-sena fiskali li tagħha tkun id-dikjarazzjoni tat-taxxa;

(e) il-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa ta' kull membru tal-grupp;

(f) il-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa konsolidata;

(ġ) il-kalkolazzjoni tas-sehem imqassam ta' kull membru tal-grupp;

(ħ) il-kalkolazzjoni tal-obbligazzjoni tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp.

*Artikolu 111*
*Notifika ta' żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa*

Il-kontribwent prinċipali għandu jinforma lill-awtorità fiskali prinċipali dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata. L-awtorità fiskali prinċipali għandha, fejn ikun xieraq, toħroġ stima emendata skont l-Artikolu 114(3).

*Artikolu 112*
*Nuqqas li tintbagħat dikjarazzjoni tat-taxxa*

Meta l-kontribwent prinċipali jonqos milli jibgħat dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata, l-awtorità fiskali prinċipali għandha toħroġ valutazzjoni fi żmien tliet xhur ibbażata fuq stima, billi tqis l-informazzjoni disponibbli. Il-kontribwent prinċipali jista' jappella kontra tali valutazzjoni.

*Artikolu 113*
*Regoli dwar is-sottomissjoni elettronika, id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u d-dokumentazzjoni ta' sostenn*

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti li jistabbilixxu regoli dwar is-sottomissjoni elettronika, dwar il-forma tad-dikjarazzjoni tat-taxxa, dwar il-forma tad-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata, u dwar id-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 131(2).

*Artikolu 114*
*Valutazzjonijiet emendati*

1. Fir-rigward ta' kontribwent waħdieni, il-verifiki u l-valutazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew li fih ikollu stabbiliment permanenti.

2. L-awtorità fiskali prinċipali għandha tivverifika li d-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata tikkonforma mal-Artikolu 110(2).

3. L-awtorità fiskali prinċipali tista' toħroġ valutazzjoni emendata mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data finali għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata jew, meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda dikjarazzjoni qabel dik id-data, mhux aktar tard minn tliet snin wara l-ħruġ ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 112.

   Valutazzjoni emendata ma tistax tinħareġ iżjed minn darba fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

4. Paragrafu 3 ma għandux japplika meta tinħareġ valutazzjoni emendata f'konformità ma' deċiżjoni tal-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali skont l-Artikolu 123 jew mar-riżultat ta' ftehim reċiproku jew proċedura ta' arbitraġġ ma' pajjiż terz. Tali valutazzjonijiet emendati għandhom jinħarġu fi żmien 12-il xahar mid-deċiżjoni tal-qrati tal-awtorità fiskali prinċipali jew mit-tlestija tal-proċedura.

5. Minkejja l-paragrafu 3, valutazzjoni emendata tista' tinħareġ fi żmien sitt snin mid-data finali għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata meta tkun iġġustifikata minn dikjarazzjoni skorretta apposta jew traskurata ħafna min-naħa ta' kontribwent, jew fi żmien 12-il sena minn dik id-data meta d-dikjarazzjoni skorretta tkun is-suġġett ta' proċeduri kriminali. Tali valutazzjoni emendata għandha tinħareġ fi żmien 12-il sena mill-iskoperta tad-dikjarazzjoni skorretta, sakemm perjodu itwal ma jkunx ġustifikat b'mod oġġettiv mill-ħtieġa ta' iżjed inkjesti jew investigazzjonijiet. Kwalunkwe valutazzjoni emendata bħal din għandha tirrigwarda biss il-materja tad-dikjarazzjoni skorretta.

6. Qabel ma toħroġ valutazzjoni emendata, l-awtorità fiskali prinċipali għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikun residenti jew stabbilit membru tal-grupp. Dawk l-awtoritajiet jistgħu jesprimu l-veduti tagħhom fi żmien xahar mill-konsultazzjoni.

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fih ikun residenti jew stabbilit membru tal-grupp tista' titlob lill-awtorità fiskali prinċipali biex toħroġ valutazzjoni emendata. In-nuqqas li tinħareġ tali valutazzjoni fi żmien tliet xhur għandu jitqies bħala rifjut biex isir dan.

7. Ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa konsolidata meta d-differenza bejn il-bażi ddikjarata u l-bażi korretta ma taqbiżx l-inqas ta' EUR 5,000 jew 1% tal-bażi għat-taxxa konsolidata.

Ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni emendata sabiex tiġi aġġustata l-kalkolazzjoni tal-ishma mqassma meta t-total tal-ishma mqassma tal-membri tal-grupp residenti jew stabbiliti fi Stat Membru jkunu se jiġu aġġustati b'inqas minn 0,5%.

*Artikolu 115*
*Bażi tad-dejta ċentrali*

Id-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata u d-dokumenti ta' sostenn ippreżentati mill-kontribwent prinċipali għandhom jinħażnu f'bażi tad-dejta ċentrali li għaliha għandhom ikollhom aċċess l-awtoritajiet kompetenti kollha. Il-bażi tad-dejta ċentrali għandha tiġi aġġornata b'mod regolari bl-informazzjoni u d-dokumenti kollha addizzjonali u d-deċiżjonijiet u l-avviżi kollha maħruġa mill-awtorità fiskali prinċipali.

*Artikolu 116*
*Għażla tal-kontribwent prinċipali*

Il-kontribwent prinċipali magħżul skont l-Artikolu 4(6) ma jistax jinbidel wara. Madankollu, meta l-kontribwent prinċipali ma jibqax jissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 4(6), il-grupp għandu jagħżel kontribwent prinċipali ġdid.

F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet fiskali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu residenti l-membri tal-grupp jew li fihom ikollhom stabbiliment permanenti jistgħu, fi żmien sitt xhur mill-avviż tal-għażla jew fi żmien sitt xhur minn riorganizzazzjoni li tinvolvi l-kontribwent prinċipali, jiddeċiedu bi qbil komuni li kontribwent differenti mill-kontribwent magħżul mill-grupp għandu jkun il-kontribwent prinċipali.

*Artikolu 117*
*Żamma ta' rekords*

Kontribwent waħdieni u, fil-każ ta' grupp, kull membru tal-grupp għandu jżomm rekords u dokumenti ta' sostenn f'dettall suffiċjenti sabiex tkun assigurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Direttiva u sabiex ikunu jistgħu jsiru l-verifiki.

*Artikolu 118*
*Għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti*

Meta jintalab mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti tiegħu, kontribwent għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex tiġi determinata l-obbligazzjoni tat-taxxa tiegħu. Meta jintalab mill-awtorità fiskali prinċipali, il-kontribwent prinċipali għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex tiġi determinata l-bażi għat-taxxa konsolidata jew l-obbligazzjoni tat-taxxa ta' kwalunkwe membru tal-grupp.

*Artikolu 119*
*Talba għal opinjoni mill-awtorità kompetenti*

1. Kontribwent jista' jitlob opinjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew li fih ikollu stabbiliment permanenti, dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għal tranżazzjoni speċifika jew sensiela ta' tranżazzjonijiet li jkunu ppjanati li jitwettqu. Kontribwent jista' jitlob ukoll opinjoni dwar il-kompożizzjoni proposta ta' grupp. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi kollha possibbli sabiex tirrispondi għat-talba fi żmien raġonevoli.

   Bil-kundizzjoni li tiġi żvelata l-informazzjoni kollha rilevanti dwar it-tranżazzjoni jew is-sensiela ta' tranżazzjonijiet ippjanati, l-opinjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti għandha tkun vinkolanti dwarha, sakemm il-qrati tal-Istati Membri tal-awtorità fiskali prinċipali sussegwentement ma jiddeċidux mod ieħor skont l-Artikolu 123. Jekk il-kontribwent ma jaqbilx mal-opinjoni, huwa jista' jaġixxi skont l-interpretazzjoni personali tiegħu iżda jrid jiġbed l-attenzjoni għal dak il-fatt fid-dikjarazzjoni tat-taxxa jew fid-dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata tiegħu.

2. Meta żewġ membri jew aktar tal-grupp fi Stati Membri differenti jkunu direttament involuti fi tranżazzjoni speċifika jew sensiela ta' tranżazzjonijiet, jew meta t-talba tirrigwarda l-kompożizzjoni proposta ta' grupp, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq opinjoni komuni.

*Artikolu 120*
*Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti*

1. L-informazzjoni kkomunikata skont din id-Direttiva għandha, safejn ikun possibbli, tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, billi jintużaw in-netwerk komuni ta' komunikazzjoni/l-interface komuni tas-sistema (CCN/CSI).

2. Meta xi awtorità kompetenti tirċievi talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni dwar membru tal-grupp skont id-Direttiva 2011/16/UE, hija għandha tirrispondi sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data li fiha tirċievi t-talba.

*Artikolu 121*
*Klawsola ta' segretezza*

1. L-informazzjoni kollha żvelata lil Stat Membru taħt din id-Direttiva għandha tinżamm sigrieta f'dak l-Istat Membru bl-istess mod bħall-informazzjoni riċevuta skont il-leġiżlazzjoni domestika tiegħu. Fi kwalunkwe każ, tali informazzjoni:

(a) tista' titpoġġa għad-dispożizzjoni biss tal-persuni direttament involuti fil-valutazzjoni tat-taxxa jew fil-kontroll amministrattiv ta' din il-valutazzjoni;

(b) tista' barra minn hekk issir magħrufa biss b'rabta ma' proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri amministrattivi li jinvolvu sanzjonijiet meħuda bil-għan, jew b'rabta ma', it-twettiq ta' jew ir-reviżjoni tal-valutazzjoni tat-taxxa u lill-persuni biss li jkunu direttament involuti f'dawn il-proċeduri; tali informazzjoni tista', madankollu, tiġi żvelata waqt seduti ta' smigħ pubbliċi jew fis-sentenzi jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jforni l-informazzjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni;

(c) ma għandha fl-ebda ċirkustanza tintuża ħlief għal skopijiet ta' tassazzjoni jew b'rabta ma' proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri amministrattivi li jinvolvu sanzjonijiet meħuda bil-għan, jew b'rabta ma', it-twettiq ta' jew ir-reviżjoni tal-valutazzjoni tat-taxxa.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu sabiex tintuża għall-valutazzjoni ta' imposti, dazji u taxxi oħra koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE[21].

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni tista' tippermetti li din tintuża għal skopijiet oħra fl-Istat li jitlobha, jekk, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat li jagħti l-informazzjoni, l-informazzjoni tista', f'ċirkustanzi simili, tintuża fl-Istat li jipprovdi l-informazzjoni, għal skopijiet simili.

*Artikolu 122*
*Verifiki*

1. L-awtorità fiskali prinċipali tista' tibda u tikkoordina verifiki ta' membri ta' grupp. Tista' tinbeda verifika wkoll fuq talba ta' awtorità kompetenti.

L-awtorità fiskali prinċipali u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati għandhom jistabbilixxu flimkien l-ambitu u l-kontenut ta' verifika u l-membri tal-grupp li għandhom jiġu verifikati.

---

21 ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28.

2. Verifika għandha titmexxa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li fih titwettaq, suġġett għal dawk l-aġġustamenti li jkunu meħtieġa sabiex tkun assigurata implimentazzjoni korretta ta' din id-Direttiva.

3. L-awtorità fiskali prinċipali għandha tikkompila r-riżultati tal-verifiki kollha.

*Artikolu 123*
*Nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri*

1. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew stabbilit membru tal-grupp ma taqbilx ma' deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali li tkun ittieħdet skont l-Artikolu 107 jew l-Artikolu 114 subparagrafi (3), (5) jew (6) it-tieni subparagrafu, hija tista' tisfida dik id-deċiżjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali fi żmien perjodu ta' tliet xhur.

2. L-awtorità kompetenti għandu jkollha mill-anqas l-istess drittijiet proċedurali li kontribwent igawdi skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru fi proċeduri kontra deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali.

*Artikolu 124*
*Appelli*

1. Kontribwent prinċipali jista' jappella kontra l-atti li ġejjin:

(a) deċiżjoni li ma taċċettax avviż ta' għażla;

(b) avviż li jitlob l-iżvelar ta' dokumenti jew ta' informazzjoni;

(c) valutazzjoni emendata;

(d) valutazzjoni dwar in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata.

L-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien 60 jum mir-riċeviment tal-att li jsir l-appell kontrih.

2. Appell ma għandux ikollu effett ta' sospensjoni fuq l-obbligazzjoni tat-taxxa ta' kontribwent.

3. Minkejja l-Artikolu 114(3), tista' tinħareġ valutazzjoni emendata sabiex tagħti effett lir-riżultat ta' appell.

*Artikolu 125*
*Appelli amministrattivi*

1. L-appelli kontra valutazzjonijiet emendati jew valutazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 112 għandhom jinstemgħu minn organu amministrattiv li jkun kompetenti biex jisma' appelli fl-ewwel istanza skont il-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali. Jekk, f'dak l-Istat Membru, ma jkun hemm l-ebda organu amministrattiv bħal dan, il-kontribwent prinċipali jista' jippreżenta direttament appell ġudizzjarju.

2. Meta tagħmel sottomissjonijiet lill-organu amministrattiv, l-awtorità fiskali prinċipali għandha taġixxi f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

3. Organu amministrattiv jista', fejn ikun xieraq, jordna li tiġi pprovduta evidenza mill-kontribwent prinċipali u l-awtorità fiskali prinċipali dwar l-affarijiet fiskali tal-membri tal-grupp u intrapriżi oħra assoċjati u dwar il-liġi u l-prattiċi tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtorità fiskali prinċipali.

4. Meta l-organu amministrattiv ibiddel id-deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali, id-deċiżjoni mibdula għandha tieħu post din tal-aħħar u għandha tiġi ttrattata bħala d-deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali.

5. L-organu amministrattiv għandu jiddeċiedi l-appell fi żmien sitt xhur. Jekk il-kontribwent prinċipali ma jirċievi l-ebda deċiżjoni f'dak il-perjodu, id-deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali għandha titqies li tkun ġiet ikkonfermata.

6. Meta d-deċiżjoni tiġi kkonfermata jew mibdula, il-kontribwent prinċipali għandu jkollu d-dritt li jappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali fi żmien 60 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-organu tal-appelli amministrattivi.

7. Meta d-deċiżjoni tiġi annullata, l-organu amministrattiv għandu jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità fiskali prinċipali, li għandha tieħu deċiżjoni ġdida fi żmien 60 jum minn meta tiġi nnotifikata lilha d-deċiżjoni tal-organu amministrattiv. Il-kontribwent prinċipali jista' jappella kontra kwalunkwe deċiżjoni ġdida bħal din jew skont il-paragrafu 1 jew direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali fi żmien 60 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni. Jekk l-awtorità fiskali prinċipali ma tiħux deċiżjoni ġdida fi żmien 60 jum, il-kontribwent prinċipali jista' jappella kontra d-deċiżjoni oriġinali tal-awtorità fiskali prinċipali quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità fiskali prinċipali.

### *Artikolu 126*
### *Appelli ġudizzjarji*

1. Appell ġudizzjarju kontra deċiżjoni tal-awtorità fiskali prinċipali għandu jkun irregolat mil-liġi tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità fiskali prinċipali, suġġett għall-paragrafu 3.

2. Meta tagħmel sottomissjonijiet lill-qrati, l-awtorità fiskali prinċipali għandha taġixxi f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

3. Qorti nazzjonali tista', fejn ikun xieraq, tordna li tiġi pprovduta evidenza mill-kontribwent prinċipali u l-awtorità fiskali prinċipali dwar l-affarijiet fiskali tal-membri tal-grupp u intrapriżi assoċjati oħra u dwar il-liġi u l-prattiċi tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom jipprovdu l-assistenza kollha neċessarja lill-awtorità fiskali prinċipali.

# KAPITOLU XVIII

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 127*
*Eżerċizzju tad-delegazzjoni*

1. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 2, 14, 34 u 42 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indefinit.

2. Malli l-Kummissjoni tadotta att delegat, hija għandha tinnotifikah lill-Kunsill.

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 128, 129 u 130.

*Artikolu 128*
*Revoka tad-delegazzjoni*

1. Id-delegazzjoni tal-poteri msemmija fl-Artikoli 2, 14, 34 u 42 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill.

2. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tal-poteri speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard li tkun speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li diġà jkunu fis-seħħ. Hija għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 129*
*Oġġezzjoni għall-atti delegati*

1. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat fi żmien perjodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika.

2. Jekk, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Kunsill ma jkunx oġġezzjona għall-att delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data indikata fih.

   L-att delegat jista' jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li ma jqajjimx oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. Il-Kunsill għandu jiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjona għall-atti delegati.

*Artikolu 130*
*Notifikazzjoni lill-Parlament Ewropew*

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat dwar l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni ta' kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, jew ir-revoka tad-delegazzjoni tas-setgħat mill-Kunsill.

*Artikolu 131*
*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[22].

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 132*
*Konsultazzjonijiet dwar l-Artikolu 87*

Il-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 131 jista' wkoll jiddiskuti l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 f'każ partikolari.

*Artikolu 133*
*Reviżjoni*

Il-Kummissjoni għandha, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tirrevedi l-applikazzjoni tagħha u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari jinkludi analiżi tal-impatt tal-mekkaniżmu mwaqqaf fil-Kapitolu XVI ta' din id-Direttiva dwar id-distribuzzjoni tal-bażijiet tat-taxxa bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 134*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [data], il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [...].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

---

22 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 135*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-[…] jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 136*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESSI

### ANNESS I

(a) Il-kumpanija Ewropea jew Societas Europaea (SE), kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE)[23] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-ħaddiema,[24]

(b) Is-Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE), kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar is-Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE)[25] u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati,[26].

(c) kumpaniji skont il-liġi Belġjana magħrufa bħala "société anonyme"/"naamloze vennootschap", "société en commandite par actions"/"commanditaire vennootschap op aandelen", "société privée à responsabilité limitée"/"besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid" "société coopérative à responsabilité limitée"/"coöperatieve vennootschap met beperkte aansprakelijkheid", "société coopérative à responsabilité illimitée"/"coöperatieve vennootschap met onbeperkte aansprakelijkheid", "société en nom collectif"/"vennootschap onder firma", "société en commandite simple"/ "gewone commanditaire vennootschap", impriżi pubbliċi li adottaw waħda mill-forom legali hawn fuq imsemmija, u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Belġjana suġġetti għat-Taxxa Korporattiva Belġjana;

(d) kumpaniji skont il-liġi Bulgara magħrufa bħala: "събирателното дружество", "командитното дружество", "дружеството с ограничена отговорност", "акционерното дружество", "командитното дружество с акции", "кооперации","кооперативни съюзи", "държавни предприятия" kostitwiti skont il-liġi Bulgara u li jwettqu attivitajiet kummerċjali;

(e) kumpaniji skont il-liġi Ċeka magħrufa bħala: "akciová společnost", "společnost s ručením omezeným", "veřejná obchodní společnost", "komanditní společnost", "družstvo";

(f) kumpaniji skont il-liġi Daniża magħrufa bħala "aktieselskab" u "anpartsselskab". Kumpaniji oħra suġġetti għat-taxxa skont l-Att dwar it-Taxxa Korporattiva, sakemm id-dħul taxxabbli tagħhom jiġi kkalkulat u intaxxat skont ir-regoli tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa ġenerali applikabbli għall-"aktieselskaber";

(ġ) kumpaniji skont il-liġi Ġermaniża magħrufa bħala "Aktiengesellschaft", "Kommanditgesellschaft auf Aktien", "Gesellschaft mit beschränkter Haftung", "Versicherungsverein auf Gegenseitigkeit", "Erwerbs- und

---

23 ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.
24 ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.
25 ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1.
26 ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25.

Wirtschaftsgenossenschaft", "Betriebe gewerblicher Art von juristischen Personen des öffentlichen Rechts", u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Ġermaniża suġġetti għal-liġi korporattiva Ġermaniża;

(ħ) kumpaniji skont il-liġi Estonjana magħrufa bħala: "täisühing", "usaldusühing", "osaühing", "aktsiaselts", "tulundusühistu";

(i) kumpaniji skont il-liġi Griega magħrufa bħala "ανώνυμη εταιρεία", "εταιρεία περιωρισμένης ευθύνης (Ε.Π.Ε.)";

(j) kumpaniji skont il-liġi Spanjola magħrufa bħala "sociedad anónima", "sociedad comanditaria por acciones", "sociedad de responsabilidad limitada", u dawk il-korpi taħt il-liġi pubblika li joperaw taħt il-liġi privata;

(k) kumpaniji skont il-liġi Franċiża magħrufa bħala "société anonyme", "société en commandite par actions", "société à responsabilité limitée", "sociétés par actions simplifiées", "sociétés d'assurances mutuelles", "caisses d'épargne et de prévoyance", "sociétés civiles" li huma awtomatikament suġġetti għat-taxxa korporattiva, "coopératives", "unions de coopératives", stabbilimenti u impriżi pubbliċi industrijali u kummerċjali, u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Franċiża suġġetti għat-Taxxa Korporattiva Franċiża;

(l) kumpaniji inkorporati jew eżistenti skont il-liġijiet Irlandiżi, korpi rreġistrati skont l-Att dwar is-Soċjetajiet Industrijali u Provvidenti, soċjetajiet tal-bini inkorporati skont l-Atti dwar is-Soċjetajiet tal-Bini u banek għat-tfaddil tal-fiduċjarji skont it-tifsira tal-Att dwar il-Banek għat-Tfaddil tal-Fiduċjarji, 1989;

(m) kumpaniji skont il-liġi Taljana magħrufa bħala "società per azioni", "società in accomandita per azioni", "società a responsabilità limitata", "società cooperative", "società di mutua assicurazione", u entitajiet privati u pubbliċi li l-attività tagħhom tkun kompletament jew prinċipalment kummerċjali;

(n) skont il-liġi Ċiprijotta: "εταιρείες" kif definiti fil-liġijiet dwar it-Taxxa fuq id-Dħul;

(o) kumpaniji skont il-liġi Latvjana magħrufa bħala: "akciju sabiedrība", "sabiedrība ar ierobežotu atbildību";

(p) kumpaniji inkorporati skont il-liġi tal-Litwanja;

(q) kumpaniji skont il-liġi tal-Lussemburgu magħrufa bħala "société anonyme", "société en commandite par actions", "société à responsabilité limitée", "société coopérative", "société coopérative organisée comme une société anonyme", "association d'assurances mutuelles", "association d'épargne-pension", "entreprise de nature commerciale, industrielle ou minière de l'État, des communes, des syndicats de communes, des établissements publics et des autres personnes morales de droit public", u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Lussemburgiża suġġetti għat-Taxxa Korporattiva tal-Lussemburgu;

(r) kumpaniji skont il-liġi Ungeriża magħrufa bħala: "közkereseti társaság", "betéti társaság", "közös vállalat", "korlátolt felelősségű társaság", "részvénytársaság", "egyesülés", "közhasznú társaság", "szövetkezet";

(s) kumpaniji skont il-liġi Maltija magħrufa bħala: “Kumpaniji ta’ Responsabilita Limitata”, “Soċjetajiet en commandite li l-kapital tagħhom maqsum f’azzjonijiet”;

(t) kumpaniji skont il-liġi Olandiża magħrufa bħala “naamloze vennootschap”, “besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid”, “Open commanditaire vennootschap”, “Coöperatie”, “onderlinge waarborgmaatschappij”, “Fonds voor gemene rekening”, “vereniging op coöperatieve grondslag” and “vereniging welke op onderlinge grondslag als verzekeraar of kredietinstelling optreedt”, u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Olandiża suġġetti għat-Taxxa Korporattiva Olandiża;

(u) kumpaniji skont il-liġi Awstrijaka magħrufa bħala "Aktiengesellschaft", "Gesellschaft mit beschränkter Haftung", "Versicherungsvereine auf Gegenseitigkeit", "Erwerbs und Wirtschaftsgenossenschaften", "Betriebe gewerblicher Art von Körperschaften des öffentlichen Rechts", "Sparkassen", u kumpaniji oħra kostitwiti skont il-liġi Awstrijaka suġġetti għat-taxxa korporattiva Awstrijaka;

(v) kumpaniji skont il-liġi Pollakka magħrufa bħala: “spółka akcyjna”, “spółka z ograniczoną odpowiedzialnością”, “spółdzielnia“, “przedsiębiorstwo państwowe“;

(w) kumpaniji kummerċjali jew kumpaniji taħt il-liġi ċivili li għandhom forma kummerċjali, kooperattivi u impriżi pubbliċi inkorporati skont il-liġi Portugiża;

(x) kumpaniji skont il-liġi Rumena magħrufa bħala: “societăţi pe acţiuni”, “societăţi în comandită pe acţiuni”, “societăţi cu răspundere limitată;

(y) kumpaniji skont il-liġi Slovena magħrufa bħala: "delniška družba", "komanditna delniška družba", "komanditna družba", "družba z omejeno odgovornostjo", "družba z neomejeno odgovornostjo";

(z) kumpaniji skont il-liġi Slovakka magħrufa bħala: “akciová spoločnosť ”, “spoločnosť s ručením obmedzeným”, “komanditná spoločnosť ”, “verejná obchodná spoločnosť“, “družstvo“;

(aa) kumpaniji skont il-liġi Finlandiża magħrufa bħala “osakeyhtiö”/“aktiebolag”, “osuuskunta”/“andelslag”, “säästöpankki”/“sparbank” u “vakuutusyhtiö”/“försäkringsbolag”;

(bb) kumpaniji skont il-liġi Svediża magħrufa bħala “aktiebolag”, “försäkringsaktiebolag”, “ekonomiska föreningar”, “sparbanker”, “ömsesidiga försäkringsbolag”;

(cc) kumpaniji inkorporati skont il-liġi tar-Renju Unit.

**ANNESS II**

**Belgien / Belgique**

impôt des sociétés/vennootschapsbelasting

**България**

корпоративен данък

**Česká republika**

Daň z příjmů právnických osob

**Danmark**

selskabsskat

**Deutschland**

Körperschaftsteuer

**Eesti**

Tulumaks

**Éire/Ireland**

Corporation Tax

**Ελλάδα**

Φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων κερδοσκοπικού χαρακτήρα

**España**

Impuesto sobre sociedades

**France**

Impôt sur les sociétés

**Italia**

Imposta sul reddito delle società

**Cyprus/Kibris**

Φόρος Εισοδήματος

**Latvija**

uzņēmumu ienākuma nodoklis

**Lietuva**

pelno mokestis

**Luxembourg**

impôt sur le revenu des collectivités

**Magyarország**

Társasági adó

**Malta**

Taxxa fuq l-income

**Nederland**

vennootschapsbelasting

**Österreich**

Körperschaftsteuer

**Polska**

Podatek dochodowy od osób prawnych

**Portugal**

imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas

**România**

impozit pe profit

**Slovenija**

Davek od dobička pravnih oseb

**Slovensko**

Daň z príjmov právnických osôb

**Suomi/Finland**

yhteisöjen tulovero/inkomstskatten för samfund

**Sverige**

statlig inkomstskatt

**United Kingdom**

**ANNESS III**

Lista ta' taxxi mhux deduċibbli taħt l-Artikolu 14

**Belgien/Belgique**

Droits d'enregistrement – Registratierechten

**България**

Xejn

**Česká republika**

Xejn

**Danmark**

Registreringsafgift af motorkøretøjer

Kommunal grundskyld

Kulbrinteskat

**Deutschland**

Grunderwerbsteuer

Grundsteuer B

Gewerbesteuerumlage

Versicherungsteuer

**Eesti**

Xejn

**Éire/Ireland**

Stamp Duties

Vehicle Registration Tax

Residential Property Tax

**Ελλάδα**

Φόρος Μεταβίβασης Ακινήτων

**España**

Impuesto sobre Bienes Inmuebles (IBI) / Recargo sobre el IBI

Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados

**France**

Foncier bati

Taxe professionnelle

Taxe sur les salaires

Taxe d'habitation

**Italia**

Imposta comunale sugli immobili (ICI) - Fabbricati

Imposta regionale sulle attività produttive (IRAP) – (employers' split)

**Κύπρος/Kibris**

Taxes on Holding Gains

**Latvija**

Xejn

**Lietuva**

Xejn

**Luxembourg**

Taxe d'abonnement sur les titres de société

Impôt commercial communal

**Magyarország**

Különadó

Helyi iparűzésiadó

**Malta**

Taxxi fuq il-Profitti tal-Impriżi

**Nederland**

Overdrachtsbelasting

Overige productgebonden belastingen neg - (energy split)

**Österreich**

Kommunalsteuer

**Polska**

Podatek od nieruchomości

**Portugal**

Xejn

**România**

Xejn

**Slovenija**

Davek na izplačane plače

**Slovensko**

Xejn

**Suomi/Finland**

Xejn

**Sverige**

Fastighetsskatt

Allmän löneavgift

Särskild löneskatt

**United Kingdom**

National Non-Domestic Rates from Businesses

Capital Levies

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI**

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma kkonċernati ta' politika fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Dewmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) previst(i) ta' ġestjoni

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri sabiex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Proposta leġiżlattiva għal Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB)

## 1.2. Qasam/Oqsma kkonċernat(i) ta' politika fl-istruttura tal-ABM/ABB[27]

Politika dwar it-Tassazzjoni (ABB05)

## 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

**X** Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[28]

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

## 1.4. Għanijiet

### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Is-CCCTB se tikkontribwixxi għat-tnedija mill-ġdid tas-suq waħdieni u l-inizjattiva importanti ta' Ewropa 2020 dwar il-Politika Industrijali u tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali għall-politika industrijali tal-Unjoni, kif stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020'.

Is-CCCTB hija miżura ta' politika fiskali mmirata sabiex tħaffef ir-regoli fiskali, tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità u tneħħi l-ostakoli fiskali għall-kumpaniji li joperaw b'mod transkonfinali.

### *1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku(ċi) u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati*

Nru. tal-Għan speċifiku

Għan 2: Li tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u tindirizza l-ostakoli fiskali fis-Suq Intern

Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

Politika Fiskali (ABB05)

---

27 ABM: Ġestjoni Msejsa fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Imsejjes fuq l-Attività.

28 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/grupp fil-mira.*

| |
|---|
| Li tipprovdi lill-kumpaniji l-possibbiltà li japplikaw sistema komuni għat-tassazzjoni fl-unjoni (bażi għat-taxxa konsolidata komuni għall-istabbiliment tal-profitti korporattivi)<br><br>Tintroduċi approċċ ta' *one-stop-shop* għad-dikjarazzjonijiet u l-valutazzjoni tat-taxxa<br><br>Tippermetti tpaċija tat-telf bejn il-fruntieri<br><br>Tnaqqas l-obbligi ta' konformità għall-ipprezzar tat-trasferimenti<br><br>Tnaqqas l-inċidenza ta' taxxa doppja jew taxxa żejda<br><br>Tnaqqas l-opportunitajiet mhux dovuti jew mhux intiżi ta' ppjanar fiskali għall-kumpaniji bl-applikazzjoni parallela ta' 27 sistema ta' taxxa korporattiva fl-Unjoni |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

| |
|---|
| Implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva dwar is-CCCTB mill-Istati Membri<br><br>Applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tas-CCCTB fil-prattika |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu fuq perjodu qasir jew fuq perjodu fit-tul*

| |
|---|
| L-adozzjoni tas-CCCTB kif inkluża fil-pjan ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2011 (bħala inizjattiva prinċipali) u skont il-linja taż-żmien fir-roadmap ippubblikata sal-31.3.2011 |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| L-introduzzjoni ta' bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata f'27 Stat Membru ma tistax tinkiseb b'miżuri u ftehimiet unilaterali (domestiċi) jew bilaterali (transkonfinali) bejn l-Istati Membri. |

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

| |
|---|
| L-introduzzjoni ta' sett komprensiv u kumpless ta' regoli u dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investimenti bejn il-fruntieri u jneħħu l-ostakoli fiskali (eż. taxxa żejda jew in-nuqqas ta' tpaċija tat-telf) fis-suq internazzjonali hija kompitu diffiċli minħabba r-rekwiżiti tal-unanimità għall-proposti leġiżlattivi dwar it-tassazzjoni diretta. Proposti simili fl-imgħoddi li ppproponew prinċipalment l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni obbligatorja mill-Istat Membru ma sabux ir-rieda għal diskussjoni politika jew instabu aċċettabbli fil-Kunsill.<br><br>Il-proposta għal CCCTB hija mibnija fuq approċċ fakultattiv u ppreparat sewwa (studji, laqgħat ta' gruppi ta' ħidma, konsultazzjonijiet pubbliċi) fuq perjodu ta' kważi disa' snin. |

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti*

| |
|---|
| Din hija proposta leġiżlattiva sekondarja li tista' tkun indipendenti, iżda hemm rabtiet mill-qrib ma' inizjattivi oħra tal-politika fiskali fil-qasam tat-taxxi korporattivi bħalma huwa l-Grupp tal-Kodiċi ta' Kondotta u miżuri aktar speċifiċi (eż. Direttivi dwar it-taxxa korporattiva mmirati sabiex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi u inizjattivi ta' koordinazzjoni). |

## 1.6. Dewmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

**X** Proposta/inizjattiva ta' **żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2011 sal-2015,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) previst(i) ta' ġestjoni[29]

☐ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delegazzjoni ta' kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[30]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

**X Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(iridu jiġu speċifikati)***

*Jekk ikun indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fis-sezzjoni "Kummenti".*

Kummenti

[29] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[30] Kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Wara l-adozzjoni fil-Kunsill, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri sabiex jimplimentaw u japplikaw sewwa r-regoli u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-CCCTB.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jridu jimmonitorjaw u jsegwu mill-qrib l-iżviluppi fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva u kwalunkwe problemi li jinqalgħu fil-kamp tas-CCCTB.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Huwa l-approċċ ġenerali fil-leġiżlazzjoni fiskali li jintalbu tabelli ta' korrelazzjoni mingħand l-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju(i) identifikati*

Tħejja pjan ta' implimentazzjoni dwar ir-riskji għad-Direttiva dwar is-CCCTB u dan huwa mehmuż mal-Konsultazzjoni dwar il-CIS-Net.

#### *2.2.2. Metodu(i) previst(i) ta' kontroll*

Approċċ ġenerali għall-proposti leġiżlattivi fil-qasam tat-taxxi.

### 2.3. Miżuri sabiex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri eżistenti jew previsti ta' prevenzjoni u protezzjoni.*

Mhux applikabbli fil-livell tal-UE għal din il-proposta.

# 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

XEJN

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

XEJN

### *3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn isfel:

### *3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– **X** Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn isfel:

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | **2020 sal-2022** | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | **1,75** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | 0,250 | **1,75** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Barra l-INTESTATURA 5[31] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq ieħor ta’ natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,250** | **0,250** | **0,250** | **0,250** | **0,250** | **0,250** | **0,250** | **1,75** |

### 3.2.3.2. Ħtiġijiet stmati ta’ riżorsi umani

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn isfel:

*L-istima għandha tiġi espressa f’ammonti sħaħ (jew l-aktar l-aktar sa post deċimali wieħed)*

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Postijiet tal-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal Estern (f’unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)[32]** | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"envelop globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy*** [33] | - fil-Kwartieri Ġenerali[34] | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |

[31] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nfiq b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (preċedentement linji "BA" lines), riċerka indiretta, riċerka diretta.

[32] CA= Aġent b’Kuntratt; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire")*; JED= "*Jeune Expert en Délégation"* (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat.

[33] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (preċedentement linji "BA").

[34] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u Fond Ewropew għas-Sajd (EFF).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji oħra tal-baġit (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titlu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jimtlew b'persunal mid-DĠ li jkunu diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikunu reġgħu ġew skjerati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata għad-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura normali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Il-persunal attwalment assenjat lill-Unità TAXUD D1 se jkun responsabbli mill-proposta sal-adozzjoni fil-Kunsill bi qbil mal-kompiti deskritti fid-dikjarazzjoni tal-missjoni għall-unità. |
| Persunal estern | L-istess bħall-uffiċjali u l-aġenti temporanji |

### 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

– **X** Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[35].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn isfel:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal l-ammont ta' snin kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Speċifika l-organu ta'* kofinanzjament | | | | | | | | |

[35] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL ta' approprazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul mixxellanju